# IL-FESTA
# BIL-BANDIERI

Xogħlijiet oħra ta’ l-istess awtur

ANESTESIJA
ĊENS PERPETWU
SATIRA
IĠSMA IĦIRSA
GĦASFUR TAĊ-ĊOMB
IL-BELLIEGĦA FIL-BIR
...U L-ANĠLU ĦABBAR
GĦARGĦAR
JUM FOST L-OĦRAJN
EN PASSANT

# IL-FESTA
# BIL-BANDIERI

oreste calleja

*Copyright © Oreste Calleja*

*2002*

*Il-jeddijiet kollha miżmuma. Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jkunx misluf, jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn, f'xi għamla oħra ta' legatura, ħlief kif inhu ppubblikat. Ebda tibdil ma jista' jseħħ fih jew jinqaleb f'xi lingwa oħra mingħajr il-permess ta' l-awtur. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata, maħruġa jew ikkopjata b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, jew irrekordjata mingħajr il-permess bil-miktub ta' dawk li jżommu l-jeddijiet, kif ukoll ta' l-awtur.*
*Permess bil-quddiem biex dan id-dramm jinħadem jew jittella' għall-palk, għat-televiżżjoni jew radju jew għamliet oħra ta' xandir minn kumpaniji kummerċjali għandu jinkiseb bil-miktub mingħand l-awtur.*

*Disinn tal-qoxra ta'*
*l-awtur.*
*It-tpinġija ta' "Ix-Xiħ " ('Old Man') fuq il-qoxra ta' quddiem hija miġjuba bil-permess ta' l-artist Ian Dugdale.*
*Ritratt tal-faċċata:*
*Karla L. Calleja*

*Lil Karla u Kirsten*

## DAĦLA.

**IL-FESTA BIL-BANDIERI** hija l-ġrajja ta' Marco, emigrant li jerġa' lura Malta flimkien mal-familja tiegħu wara nuqqas ta' bosta snin. Lura fid-dar ta' tfulitu huwa jsib jistennieh lil missieru mejjet, lest jagħmilhielu ta' gwida lejn l-imgħoddi li l-iben ipprova jaħrab minnu. Hija esperjenza kultant nostalġika, kultant qarsa, imma mhix nieqsa mill-umoriżmu u minn taħlita ta' waqtiet ta' għożża u qtugħ il-jies li, fl-aħħar mill-aħħar, għandhom inwasslu biex forsi jiskonġraw l-imgħoddi u jwittu t-triq għal ġejjieni aħjar. It-tifkiriet, kultant ġenwini, bosta drabi mċajpra bil-mogħdija taż-żmien jew bis-sens ta' ħtija, hija t-tema rikorrenti li fuqha huwa minsuġ dad-dramm evokkativ.

**It-Tfittxija għall-Palk Malti:**
Bejn *"Angry Young Men"* u *"Dolci Smemorie".*

**Miktub f'1999, "Il-Festa bil-Bandieri"**, l-istess bħad-drammi li ktibt matul id-disgħinijiet, ipprova jikxef inkonxjament, daqskemm inevitabilment, l-esperjenza Maltija ta' l-aħħar nofs tas-seklu wieħed u għoxrin. Dan għaliex jiena nemmen fit-teatru li huwa essenzjalment realistà u li jirrakkonta ġrajjiet li ma jistgħux jinfatmu mill-identità tas-soċjetà kontemporanja. Huwa teatru li jirrakkonta ġrajjiet ta' karattri li, bħala sfond, mhux biss għandhom il-ħajja soċjali u politika ta' gżiritna, imma wkoll, u fuq kollox, jirriflettu il-ħsus, ix-xewqat, l-emozzjonijiet, it-tamiet, it-tbatija u l-qtugħ il-jies li huma ineżorabilment marbutin mal-ġrajjiet ta' pajjiż li għadda minn l-ewwel nofs seklu ta' awtonomija politika li ma kenitx nieqsa minn konflitti, kuntrasti u kontra-dizzjonjiet li iddistingew lil ġensa tul dawn l-aħħar ħamsin sena.
Madankollu, minkejja dawn ir-riflessjonijiet li wieħed jista' faċilment jintilef fihom, bir-riskju li jħalli tidħol togħma ta' akkademiżmu li ftit li xejn għandu x'jaqsam mat-teatru ħaj,

jiena nemmen, fuq u qabel kollox, li l-Palk Malti ma jistax jeżisti – m'għandux għalfejn jeżisti – jekk ma jirnexxilux jolqot lill-udjenza b'mod personali, bi djaloġu kredibbli u li m'għandu ebda inibizzjoni li juża' l-lingwa tagħna. Hekk kif tul ir-rebbiegħa u s-sajf tal-2002 rajna tfewweġ polemika taħraq dwar il-qagħda tal-Palk Malti u l-validtità tat-teatru indiġenu, illum, anakronistikament, ħamsin sena wara l-Indipendenza, jidher li għad hemm bżonn li xiħadd, xi mkien, xi darba jiftakar u jfakkar li t-teatru huwa riflessjoni ta' l-identità tagħna, u li fuq kollox il-kitba għall-palk, l-istess bħal kull kitba kreattiva, toħroġ u titnissel mill-memorja kollettiva ta' ġensna u kapaċi tikxef u tħalli warajha xhieda ta' aħna min aħna u aħna min konna.
Forsi dak li għandu bżonn it-teatru tagħna huwa li nsibu min ma jibżax juru min hu, jew min kien – min ma jippreferix jilbes maskri għax jibża' u jistħi jħares lejn wiċċu f'mera – jew għax diġà nesa, diġà ma jafx min hu. Ir-riskju kbir li bħalissa għaddej minn fuq il-palkijiet tagħna huwa li se negħrqu taħt dulluvju ta' anestesija kollettiva, smemorazzjoni volontarja daqskemm involontarja, frott ta' l-aljenazzjoni paxxuta.

Kien hemm żmien meta l-*"angry young men"* kienu s-salvazzjoni tat-teatru modern. Illum Edward Albee jgħidlek li *"if we get angry enough..."* it-teatru nistgħu nsalvawh. Hawn Malta r-rabja tat-teatru tidher li hija biss emozzjoni effimera li tittella' fil-wiċċ bħal f'xi reċta fuq palk... Parti mill-finzjoni. Għalhekk il-polemika tar-rebbiegħa u s-sajf tas-sena 2002 tibqa' biss aberrazzjoni. Għalhekk il-ftit, l-uħud li semmew leħinhom f'ġieħ il-Palk Malti, tgħoddhom fuq is-swaba ta' id waħda. Meta jgħaddu għaxar snin oħra, meta Malta ewropeja tħares lejn il-palk tagħha, meta l-protagonisti tat-teatri tagħna jkunu warrbu mix-xena, tgħid ikun għad hemm min jistaqsi "Għaliex m'għandux jeżisti l-Palk Malti"?

*Oreste Calleja*
*Ottubru 2002*

# IL-FESTA
# BIL-BANDIERI

*OLOGRAFU EVOKATTIV FI TLIET ATTI*

---

***f'ġieħ***
***Malta Millennarja***

**IL-POST:**

Il-ġrajja sseħħ f'dar f'belt jew raħal xi mkien f'Malta – Malta ta' dejjem, jew ta' l-anqas, ta' dan l-aħħar millennju.

Hija dar b'gallarija (jista' jonqos?) fl-ewwel sular, kif ukoll b'tieqa fuq il-lemin; imdaħħla fil-ħajt taħtha hemm garżella: il-ħażna tat-teżor ta' Ali Baba, ir-relikwarju ta' l-imgħoddi trawmatiku, mistur imma qatt minsi għal kollox.

**IŻ-ŻMIEN***:

Dan l-aħħar millennju — jew ta' l-anqas, dan l-aħħar nofs ċentenju ta' Malta ħielsa... jew qrib il-ħelsien.

**Tista' tgħid li l-mogħdija taż-żmien bejn l-ewwel, it-tieni u t-tielet att, tista' titqies kronoloġikament irrelevanti; l-imgħoddi tagħna, tħares kif u meta tħares lejh, ma jitlef qatt mill-verità tiegħu... ħlief f'pajjiżna fejn l-istorja bosta drabi taf tassumi uċuħ u maskri soġġettivi.*

*Id-dramm jinħadem fi tliet atti, b'xenarju minimalist.*

**IL-PERSUNAĠĠI**

| | |
|---|---|
| MARCO | turist taż-żmien; nassumu li kif jibda d-dramm għandu mal-ħamsin sena. |
| MISSIERU | miet ta' xi 60 sena… imma l-erwieħ m'għandhomx età. |
| MARY | oħtu; l'età tagħha tiddependi minn kif jiftakarha Marco – kultant tifla ta' ħames snin, kultant tfajla ta' sittax, kultant ta' mparu. |
| IZ-ZIJA KARM | oħt ommu, xebba ta' xi erbgħin sena, jew ta' l-anqas hekk jiftakarha. |
| TINA | martu; turista wkoll, imma *di passaggio* fl-imgħoddi tiegħu. |
| MARTIN | ibnu, tmintax-il sena; għalih iż-żmien għadu sa jibda. |
| TIFLA | ma' hi ta' ħadd; tidher li għandha xi ħames, sitt snin… ta' l-anqas meta tidher. |

Kif ukoll: Żewġ Servjenti u Tfajla *(leħen biss)*.

## L-EWWEL ATT

*Palk mudlam.*

*Qabel ma jinxtegħlu d-dwal, jinstema' l-leħen ta'* TIFLA *tkanta.*

IT-TIFLA: Storja vitorja
l-anġli jdoqqu l-Glorja
siġġu fin-nofs
qara' bagħli sold u nofs.

*Sett minimalist.*

*Meta jinfetaħ is-siparju:*

*Dawl biss kemm titħalla tidher il-gallarija kbira mikxufa, imdawra bil-ħadid tal-ferrobattuto u b'ħasira qadima rrumblata 'l fuq.*

TINA *qiegħda fuq il-lemin, bil-wieqfa quddiem mejda tal-mogħdija, 'banner' twil taħt il-ħadida; għalkemm għandha madwar l-erbgħin sena, tidher żagħżugħa; liebsa lbies 'casual', xi T-shirt kbir (b'xi koala jew kangaru fuqu), xorts jew bermudas, eċċ.*

IT-TIFLA *qiegħda bil-qiegħda fl-art taħt il-mejda tal-mogħdija: liebsa libsa bajda pura, qisha libsa tal-preċett qasira, il-kmiem qosra miġmugħin, ċfuf u xi żigarella f'xagħarha nnukklat, kalzetti bojod bil-frilli madwar l-għaksa, żarbun abjad ileqq; f'idejha għandha 'notebook' imdaqqas, antik u musfar.*

## 1 XENA

*Taħbita wara l-kwinti: sa jibda d-dramm.*

*Id-dwal jogħlew fuq* IT-TIFLA.

IT-TIFLA: Bumm bumm il-bieb
Min ġie, min ġie, min ġie?
Onġi onġi onġella
Onġijo kavallier…

*Tiftaħ in-'notebook'.*

MARCO *jitfaċċa mil-lemin, imma jieqaf għal xi waqtiet iħares 'il ġewwa lejn il-palk, qabel idur lejn l-udjenza.*

MARCO: Bonswa għalikom…

*Malli taraħ,* IT-TIFLA *toħroġ tiġri lejn il-gallarija u tisparixxi.*

*Forsi raha, forsi ma rahiex,* MARCO *jdur 'il ġewwa u jersaq lejn fejn kienet bil-qiegħda.* TINA *u* MARCO *jitbissmu 'l xulxin. Waqt li hi tkompli tgħaddi,* MARCO *jiġbor in-notebook mill-art u jersaq lejn l-udjenza. Huwa raġel ta' fuq il-ħamsin sena, b'arja riservata u intellettwalizzanti; liebes qalziet griż u pullover fuq qmis u ngravata, f'saqajh papoċċ komdu għal quddiem it-televixin.*

MARCO: Bonswa. Qaluli li tliet atti m'għandhomx jieħdu aktar minn sagħtejn, sagħtejn u kwart, *max*. Naf, jidhru millennju għal xi wħud minnkom, però ma naħsibx li hija ħaġa hekk diffiċli nippruvaw nissaportu 'l xulxin dal-ħin kollu, speċjalment meta tqis li bejn kull att hemm intervall ta' xi għaxar minuti, *give and take*… Li kien għalija, li kieku kont kittieb aħjar forsi, kont nagħmlu dramm f'żewġ atti… il-paċenzja tagħkom ta' min jirrispettaha.

Sa naħli ftit tal-ħin biex tilħqu tizzettaw, speċjalment dik in-naħa *(fost l-udjenza)*, fejn għadni nara daqsxejn ta' ċaqliq…

Dawn *(juri lejn il-palk fejn hemm* TINA *u fejn kien hemm* IT-TIFLA*)* tiltaqgħu magħhom aktar tard; għexu, jew kienu jgħixu — u dan jiddependi meta sejrin itellgħu dad-dramm li qed nikteb — għexu, mela, jew kienu jgħixu, fi żmienna. M'hemmx għalfejn wieħed ikun preċiż, jew fitt iżżejjed biex nistabbilixxu data eżatta. — Din marti, Martina, jew Tina, kif jafuha tal-familja. Awstraljana *di nascita*, b'ebda konsangwinità Maltija. Il-fatt li qed tgħaddi l-ħwejjeġ huwa vizzju li wirtet kemm ilna li ġejna Malta m'ilux. Għandha idea x'qed ngħid, imma tistennewx li tifhem kollox. Għandna tifla, li bħalisa għadha l-Awstralja, u għandna wkoll tifel, Martin; tiltaqgħu miegħu fl-aħħar att probabbli. Ngħid 'probabbli' għax jiena u nikteb din l-introduzzjoni għadni ma nafx. Forsi wkoll ta' min nisuġġerixxi lid-direttur biex jużah biex jaħdem il-parti tiegħi ta' meta kont ġuvni… Imma qed nantiċipa. Martin huwa student l-Università; xiħaġa li lili – meta kont tlaqt minn Malta – iċ-ċirkostanzi ma kinux jippermettu. Ħiereġ għall-Kunsill; dik il-bandiera li qed tgħaddilu hija l-*banner* tiegħu għall-elezzjoni tal-Kunsill...

Mela… *(ħarsa lura fost l-udjenza fejn qabel kien "ħass xi ċaqliq", imbagħad jiftaħ in-notebook).* Għidt nibda minn hawn, ħdejn il-gallarija. U nibda minn hawn għax meta sibt dan in-*notebook* tiegħi, ġo bagoll nofsu mmermer u umdu, meta ftaħtu, l-ewwel folja li ftaħt din kienet: notament żgħir, min jaf meta nkiteb. Ikolli ngħid bejn ħmistax jew għoxrin sena ilu, *give and take*… Naf żgur li kont l-Awstralja meta ktibthom dawn il-ftit paġni... għalkemm ma niftakarx eżatt meta jew għaliex. *(jaqra)* "Bħal ħolma li ma nistax niftakar…": hekk jibda n-notament. Tgħiduli: Ma kontx tiftakarha meta ktibtha, ħmistax, għoxrin sena ilu, sa tiftakarha issa din il-ħolma? Imma għalhekk qed niktibha din il-ġrajja; forsi min jaf – ħudu ftit paċenzja bija – jiena u nikteb, jien u nitkellem, forsi l-affarijiet jibdew jiċċaraw ruħhom f'moħħi; forsi xi korda

msadda terħi xi ftit…

*Ikun sa jkompli, imma jinduna li* TINA *qed terfa' biex toħroġ. Iħares lejn in-'notebook' waqt li jistennieha, iqalleb il-folji:* TINA *tagħlaq il-mejda tal-mogħdija, tiġbor il-ħwejjeġ li kienet qed tgħaddi, titfagħhom fuq drieghha, u, f'id waħda l-ħadida, fl-oħra l-mejda magħluqa, toħroġ bil-mod, bla għaġla.*

MARCO: *(ikompli jaqra)* Mela..."Xemx tisreġ, toroq bojod. dojoq, maħsula bix-xemx. L-eqqel ta' nofs inhar sajfi. Barra, madwar il-knisja fuq iz-zuntier ma tarax ruħ..." *(jħares lejn il-gallarija)* Hekk hu…

*Effett ta' dawl bajdani jgħammex barra l-gallarija.*

MARCO: …Id-dawl bajdani jgħammex ta' xemx t'Awissu.

*Jersaq u joħroġ fil-gallarija jittawwal 'il barra, iħares għajnejh mid-dija…*

*Idur lura 'l ġewwa.*

MARCO: Ma tarax ruħ. Perfett. *(jaqra)* "Xi ħadd ieħor, faċċata taħt il-ħasira, moħbi wara l-persjani, jittawwal 'il barra hu wkoll..." *(jittawwal għal ftit, imbagħad idur lura)* Ma rajtux… jew ma rajthiex. U ma rajtux jien, m'intomx sa tarawh intom.

*Minn barra jinstema' t-tpaqpiq insistenti ta' karozza għaddejja bilġri, u tkompli tpaqpaq sa ma tinstemax aktar. Ftit wara, u minn ħin għall-ieħor, ikomplu jinstemgħu aktar 'il bogħod il-ħsejjes ta' 'carcade' għaddejja trijonfali.*

MARCO: Dawk, sfortunatament m'humiex f'dal-kupjun. Dawk illum: dak li qed jiġri llum. Ikollna ngħixu magħhom. Għad hemm xi nofs tużżana boloh jiċċelebraw ir-rebħa. / Jimporta liema waħda? Ikkumpatuhom, jew jekk tridu, komplu magħhom… Inkomplu. *(jittawwal mill-gallarija)* "Xi ħadd ieħor, faċċata, taħt il-ħasira, moħbi wara l-persjani, jittawwal 'il barra hu wkoll..." Hemm hu!… Hu wkoll irid jarahom

għaddejjin… basta ma jidhirx hu!

*Mill-ġenb tal-gallarija jkaxkar 'il ġewwa biex jidher aħjar 'deckchair' ta' l-injam; fuq id-drapp tiegħu maħruq bix-xemx hemm mixħutin xi ftit kotba.*

MARCO: Hekk hu: id- *'deckchair'*. Dak qiegħed fil-kupjun ukoll… *(jersaq eqreb waqt li jaqra)* "*Deckchair* fil-gallarija, fuqu xi kotba tat-tfal. Xi ħadd mimdud fuqu; ġuvni, jaqra, jipprova jerġa' jsib is-seħer tat-tfulija, il-hena innoċenti…" / Dak il-ġuvni kont jien, għandi nassumi, bosta snin ilu. *(ipoġġi)* "Il-ġenna mitlufa ta' l-avventuri tat-tfal, il-wens ta' vaganzi tas-sajf bla tmiem... u kulma jsib dak il-ġuvni huma stejjer bla sens…" Ma nistax nimmaġina x'kont nara jew insib hekk sabiħ fihom – hekk eċittanti f'dawn il-kotba… Imma ma rridx nibda hekk kmieni fuq nota ta' dwejjaq. Paċenzja n-nostalġija, imma l-melankonija nippruvaw nevitawha. Nipposponuha ta' l-anqas. *(iqum)* Meta ġejna noqogħdu f'din id-dar l-ewwel darba, jien, oħti, missieri u z-Zija Karm, kien hemm żmien meta... / Ommi? Ommi kienet mietet xi ftit qabel. Ta' l-anqas fiżikament… / Hekk hu – għedt fiżikament… *Anyway.* …Dik l-ewwel ġurnata li jien u oħti dħalna hawn ġew, għalina kienet daqs l-aqwa sejba tat-teżori ta' Ali Baba. Dik veru avventura għat-tfajjel ta' ħmistax-il sena li kont għadni! Hemm, f'dik ir-rokna, niftakar pjanu kbir antik… stunat, imma kbir, immens!

*Jinstemgħu noti ta' pjanu stunat – eżerċizzju u melodija sempliċi.*

MARCO: Oħti. Qed tisimgħuha?… Kienet għamlet tnax-il sena tistudja l-pjanu u l-*ballet* għalxejn – imbagħad pattietha lit-tifla tagħha, Roberta, billi kkundannatha għal għomorha kollu tistudja l-pjanu…

*Il-pjanu jdoqq melodija klassika, imsaħħra: 'Shéhérazade'.*

MARCO: Roberta issa tinsab Pariġi. Ma nafx kemm pajjiżi daret,

u għadha ddur, bil-kunċerti tagħha. U oħti Mary, miskina, tgħix biss biex taraha xi darba, darbtejn fis-sena, meta jirnexxilha tiġi ħarba Malta. U toħlom biss li xi darba tiżżewweġ Malti u ssir nanna. / Imma kont qed ngħid fuq it-teżori ta' Ali Baba…

## 2 Xena

*Tidħol* IT-TIFLA *ġġorr magħha figorin kbir ta' Tork b'id waħda miksura u mibrux sew.*

T*ersaq u tieqaf ħdejn id-'deckchair' .*

IT-TIFLA: *(tkellem lil xi ħadd li hi biss qed tara)* Ara x'sibt, Marco! Dan inżommuh? Tħallina nżommuh iz-Zija Karm? / Le, ħallih! Dak tiegħi!

*Waqt li* T-TIFLA *tkompli tiġġieled ma' min (suppost) hemm fid-'deckchair'…*

MARCO: Oħti Mary. / Missieri kien ħallas ħames mitt lira rigal biex ħadha ċens did-dar – u għall-ħames mija li ħallas, sabu biss gozz raċanċ li lanqas Nenu r-regettier ma kien iridu…

IT-TIFLA: *(l-istess)* … Imma jien irridu! Dak tiegħi!… / Mhux veru! Mhux veru li hawn il-ħares! Qalli d-*daddy*!… Pa! Marco reġa' qed jgħid li hawn il-ħares – hux mhux veru, Pa? *(titlaq it-Tork fl-art warajha u toħroġ tiġri)* Zija Karm! Zija Karm! Hux mhux veru?…

*Id-dawl fil-gallarija jibda jitbaxxa.*

## 3 Xena

MARCO: *(jiġbor it-Tork)* Kont insejtu t-Tork. Kont sewwejtlu idu u erġajt żbajtu… Kemm kont inħobb ninkiha. Imma fid-dar, veru li kien hawn il-ħares… l-ispirti. U hawn għadhom… Ma tħossuhomx intom ukoll, li għadhom hawn?… Li kieku kelli

norqod ġo dil-kamra l-lejla, x'taħsbu: tkun idea tajba?

*Dlam fil-gallarija; id-'deckchair' jisparixxi.*

MARCO: Imma m'hemmx ħin x'naħlu… L-atmosfera jeħtieġ li ma tintilifx. Qaluli: tliet atti m'għandhomx jieħdu aktar minn sagħtejn – sagħtejn u kwart *max*.

*Jerġa' jibda jaqra malajr waqt li bil-mod il-mod jerġa' jissaħħaħ id-dawl fil-gallarija.*

MARCO: "Bħal ħolma li ma nistax niftakar. Xemx tisreġ, toroq bojod, dojoq, maħsula bix-xemx. L-eqqel ta' nofs inhar sajfi. Barra, madwar il-knisja fuq iz-zuntier ma tarax ruħ. Xi ħadd ieħor, faċċata taħt il-ħasira, moħbi wara l-persjani, jittawwal 'il barra hu wkoll..."

*…Hekk kif fuq ix-xellug terġa' tidħol* IT-TIFLA*; f'idha għandha ktieb ieħor kbir, xi ktieb tal-ħrejjef.*

*Jerġa' jitfaċċa d-'deckchair' fil-gallarija.*

MARCO: Id-*deckchair*! "…*Deckchair* fil-gallarija; fuqu xi kotba tat-tfal. Xi ħadd mimdud fuqu, ġuvni, jaqra, jipprova jerġa' jsib is-seħer tat-tfulija, il-ħena innoċenti… "

*Imur lejn id-'deckchair' u jpoġġi.*

MARCO: "…Jibqa' biss is-sens ta' telfien…" Naf biss li kien hemm xiħaġa – li ġara xiħaġa, li jeħtieġ li niftakar… U li intom tiftakru miegħi. Tiddejqux: sagħtejn, *give and take*, sagħtejn u kwart, u niftakru… Imma forsi jeħtieġ li wieħed joħloq xi ftit aktar atmosfera, ftit mużika forsi. Snin sittin, sebgħin…

*Iqum u jmur malajr lejn il-lemin u huwa u riesaq jibda jogħla d-dawl biex tinkixef mejda u xi siġġijiet; fuqha hemm sett tar-Rediffusion.* MARCO *jgħolli l-volum.*

IT-TIFLA *tersaq, tpoġġi mal-mejda u tiftaħ il-ktieb;* MARCO *donnu ma jarahiex.*

*...Minn fuq ir-Rediffusuon togħla xi mużika ta' l-epoka li*

*xtaq* MARCO*, imma l-kanzunetta hija bl-Ingliż.*

MARCO: Le! – Taljana; mużika Taljana; Celentano… jew Pino Donaggio – xi mużika sajfija!

*Pront tieqaf il-mużika.*

MARCO *jersaq lejn ħajt, isib is-swiċċ tar-Rediffusion, u jeqleb l-istazzjon.*

MARCO: Għal min forsi qatt ma ra wieħed, dan sett tar-Redifussion, jew radju bil-fil. Kien ikollu żewġ stazzjonijiet, wieħed bl-Ingliż, kanzunetti, drammi u aħbarijiet, il-biċċa l-kbira mill-*BBC Overseas Service*, u stazzjon ieħor bil-Malti. Mużika Taljana ma kinetx tonqos — anzi! Il-favoriti tiegħi kienu *Azzurro*, ta' Celentano… jew Pino Donaggio… *Stessa Spiaggia, Stesso Mare. …Sapore di Sale!* Basta mużika sajfija…

*Tibda togħla u tinstema' l-mużika li xtaq hu.*

*Jerġa' jersaq lejn id-'deckchair' u jpoġġi.*

MARCO: Hekk hu! Nistennew u nisimgħu…

## 4 Xena

*Waqt li* MARCO *jkompli jitkellem, minn warajh jitbaxxa xi ftit id-dawl jgħammex tal-gallarija u jogħla dawl ieħor fuq ix-xellug tal-palk.*

*Hemm sodda żgħira ta' bi tnejn tal-ħadid: il-friex huwa mqalleb, imma m'hemm ħadd fuqha.*

*Fuq ix-xellug titfaċċa* MARY *(żagħżugħa ta' xi għoxrin sena); tieqaf u ma tissugrax tidħol fil-kamra. Imbikkma, il-maktur ma' wiċċha, tħares lejn is-sodda.*

MARCO: *(ma ndunax biha; iqum mid-'deckchair' u jmur jittawwal mill-gallarija mitfija)* Kieku kelli niftakar dawk is-sjuf ta' zgħożiti, li kont niftakar żgur huma dawk il-kanzunetti. Niskanta kif konna nsibu l-ħin insegwu, ġimgħa wara ġimgħa, it-*Top*

*Ten* Taljani, il-*Canzonetta per l'Estate*, il-*Festival Bar*... Nerġa' nisma' dawk il-kanzunetti biżżejjed biex iqajmuli nostalġija liema bħalha...

*Waqt li jkompli jitkellem, minn wara* MARY *jidħlu* ŻEWĠ SERVJENTI *bi streċer u jersqu ħdejn is-sodda.*

*Iduru fuq in-naħa ta' ġewwa tas-sodda, jinżlu għarkubbtejhom u jerfgħu bil-galbu lil xi ħadd li hemm mixħut fl-art. Wara li jkeffnuh sew, jgħattulu wiċċu bil-liżar tas-sodda, jerfgħuh u jibdew ħerġin bih.*

MARY *tibda tolfoq.*

MARCO: *(sadanittant, bla ma nduna)* ...Kont ninxteħet fil-gallarija, ir-Rediffusion jagħti, u jien hemm barra, fuq id-*deckchair* nipprova nilgħaq ftit xemx, niswied xi ftit! Għax għalija l-baħar kien qisu ma jeżistix! Insieh il-baħar għalija! Dejjem abjad qisni ruħ nafni!... *(iħoll u jinża' l-ingravata)* Kieku qatt tgħallimt ngħum! U tista' mhux tkun sħana hawn ġew! Biex imbagħad filgħaxija kont ninxteħet hemm barra fuq is-saqqu fl-art u norqod għad-dawl ta' qamar...

*Idur f'daqqa, donnu sema' lil* MARY *tibki.*

*Tieqaf il-mużika ħesrem.*

IS-SERVJENTI *bl-istreċer joħorġu.*

MARY *tersaq għal mument lejn is-sodda. Tiġbor imħadda mill-art min-naħa ta' ġewwa tas-sodda u tqegħidha lura fuq is-saqqu għeri – tiġbor il-liżar ukoll u tipprova tibda tagħmel is-sodda... imma ma tiflaħx tkompli; malajr iddur u toħroġ tiġri mbikkma minn fejn ħarġu bl-istreċer.*

MARCO: *(lejn is-sodda)* Din – din ma kontx niftakarha hekk...

IL-MISSIER: *(ma jidhirx, imma l-leħen ġej mis-sodda)* Mur obsor. Għamilt għomrok tipprova tinsa.

MARCO: *(iħalli jgħaddu xi waqtiet, imbagħad, xejn sorpriż)*

Kieku veru nsejt ma kontx nerġa' niftakarha.

IL-MISSIER *iqum minn wara s-sodda fejn kien mixħut fl-art u jpoġġi fuqha. Huwa xwejjaħ ta' xi sittin sena; jinsab ħafi u liebes biss il-qalziet ta' paġama ħamranija u flokk ta' taħt tas-sajf imdennes. Darba kien felħan u itwal sew, biss issa sofra minn xi marda li redgħetlu saħħtu, u l-muskoli li darba kellu ddgħajfu sew.*

IL-MISSIER: Kieku dak iż-żmien kont tersaq 'l hawn aktar ta' spiss, kieku ma kontx iddum għoxrin sena biex terġa' tiftakar fija.

MARCO: Taf tajjeb li qatt ma nsejtek, *believe me…*

IL-MISSIER: Kittieb bħalek kont nistenna li taf tigdeb aħjar. *(jieħu l-imħadda u jirranġaha biex iserraħ dahru mat-tistiera) …Believe me!*

MARCO: M'hix gidba. Qatt ma nsejt…

IL-MISSIER: X'inhi mela jekk m'hix gidba? Għandek xi kelma oħra għaliha? Xi kelm'oħra bl-Ingliż forsi?

MARCO: Bil-Malti taħseb ma nsibx? Epitaffju forsi?…

IL-MISSIER: Bravu!…

MARCO: Jew epitasi…

IL-MISSIER: Rajtx!

MARCO: ...Mument ta' epitasi drammatika.

IL-MISSIER: Eh, agħmilha tal-bravu!

MARCO: Skużani, sirt nieħu kull okkażjoni biex infittex il-kelma ġusta… le, xierqa! – il-kelma xierqa; il-Malti ma tantx kien idurli qabel, u wisq anqas issa, wara daż-żmien kollu.

IL-MISSIER: Għalhekk kont tajtha għall-Ingliż biss?

MARCO: Forsi għalhekk.

IL-MISSIER: Però bdejt tajjeb eh. Prosit!

MARCO: Xiex?

IL-MISSIER: Hekk: din l-ewwel xena. Basta għedt ridt tevita l-melankonija! U tibda eżatt bil-mewt traġika ta' missierek. Le – prosit eh.

IT-TIFLA *tqum minn mal-mejda u tmur tpoġġi bil-qiegħda f'tarf is-sodda.* IL-MISSIER *"raha", imma* MARCO *għad le.*

MARCO: Kultant – kultant dawn m'humiex affarijiet li tista' tikkrontrollahom kif ġib u laħaq.

IL-MISSIER: X'ma tikkontrollax? Għal xiex qed tgħid – għall-ispirti? Skuża dik. Dan kollu xogħlok – li qiegħed hawn jien – li m'għadnix mixħut taħt dik is-sodda fejn għamilt tlett ijiem sakemm sabuni… Ma tafx kif tfarrak għadmek kollu fuq dak il-madum kiesaħ. Imn'alla kien is-sajf!

MARCO: Jisgħobbija…

IL-MISSIER: Xiex?

MARCO: Li ma ġejtx qabel.

IL-MISSIER: Xiex jisgħobbik?

MARCO: ...Li ma sibtekx jien dak inhar. Kien it-Tnejn meta sabuk... veru? Tara kif niftakar? Il-Ħadd kelli ngħaddi narak... u kont ġejt magħha, ma' Tina *(jara l-ħarsa ta'* MISSIER*u)* …il-mara tiegħi.

IL-MISSIER: Eh, naf, smajtek, l-Awstraljana.

MARCO: …Kont ġejt magħha Malta. Meta mietet iz-zija Karm.

IL-MISSIER: U t-tfal?

MARCO: Xiex it-tfal?

IL-MISSIER: *(waqt li jiftaħ il-ktieb li ġabet magħha t-*TIFLA *u jsibilha paġna biex toqgħod taraha)* Ġibthom miegħek?

MARCO: Ma kellniex tfal dak iż-żmien.

IL-MISSIER: *(akkuża)* Wara ħames snin żwieġ.

*Pawsa –* MARCO *jaħbat sa jwieġeb bis-saħna, iżda jiddeċiedi li jinjoraha,*

MARCO: Ħabbatna, imma ħadd ma rrisponda. Ċempilt lil Alex ta' Mary imma qalli li kellek tmur tistad dak il-*weekend*... U ma tħassibtx...

IL-MISSIER: U int temmen lil Alex! Kieku qatt jersaq 'l hawn dak kemm ilha li żżewġet oħtok!

MARCO: Jersaq?... Pa, qed nitkellmu tmintax-il sena ilu!...

IL-MISSIER: Int qed titkellem tmintax-il sena ilu! Jien kont qed immut... tmintax-il sena ilu!

MARCO *jinstaram.*

*Pawsa.*

IL-MISSIER: *(isus)* Qed nitkellmu għala ħadd ma sabni.

MARCO: Ma tistax twaħħal fija...

IL-MISSIER: Le, eh?

MARCO: Kont ili biss jumejn hawn Malta, insejt?

IL-MISSIER: U dawk il-jumejn tiġri biss ma' dik it-tfajla. Qisek xi turist!

MARCO: Ma' marti! U kont ili s-snin nieqes, insejt?

IL-MISSIER: U qabel tlaqtu? Kemm kien ilkom li ltqajtu, tliet xhur? U kieku qatt ġibtha 'l hawn...

MARCO: Int ma ridthiex. Kieku stess – lanqas lili ma ridt tara b'għajnejk...

IL-MISSIER: Jekk tiġi hawn titkellem bl-Ingliż, għidilha tersaqlix 'l hawn! Tista' ma tersaq xejn!

MARCO: Hemm int! Kieku qatt titgħallem! Dik taf x'inhi din tiegħek? Taf x'inhi dil-fissazzjoni?

IL-MISSIER: X'inhi. għid, isa bravu? X'inhi?...

MARCO: *Inferiority complex*... Dak li hi...

IL-MISSIER: …X'inhi għid, li tapprezza dak li hu Malti?…

MARCO: Dak li kienet.

IL-MISSIER: …Li kburi li int Malti – u mhux li tixximjotta 'l-Ingliżi u min irid biss japprofitta ruħu minnek, basta jgħidlek *please* u *thank you*, imbagħad ixammar imnieħru minnek, kif dejjem għamlu!…

MARCO: *(jgħolli jdejh eżasperat, imbagħad idur lejn l-udjenza)* Hawn ta' min jgħid, jekk ma ndunajtux, li dan kien il-bidu tas-sebgħinijiet, f'dak il-limbu bejn l-Indipendenza u l-Ħelsien. Missieri – missieri ma kienx Laburist…

IL-MISSIER: Skużi, Mintoffjan ma kontx…

MARCO: Kien Boffist…

IL-MISSIER: U qabel Striklandjan…

MARCO: Imma vvota Nazzjonalist – ta' l-anqas mis-sittinijiet 'l hawn.

IL-MISSIER: Dak int qed tgħidu. Meta tidħol f'dik il-kamra, int u Alla sidek biss jaf x'tagħmel…

MARCO: Jien ma nidħolx… Kif kont qed ngħid, jeħtieġ tiftakru, jekk dak iż-żminijiet għextuhom, li l-pulitka ma tantx kienet differenti wisq mil-lum.

IL-MISSIER: …U ħadd ħlief jien u Alla sidi ma jaf x'għamilt wara dik il-purtiera.

MARCO: ...Fuq kollox il-qasma kienet ilha li ffossilizzat ruħha... Id-differenza forsi kienet li Malta Maltija ta' wara l-Indipendenza kienet għadha toffri l-illużjoni ta' żminijiet, ġejjieni ġdid, tama ġdida li l-affarijiet sejrin jinbidlu għall-aħjar…

*Barra l-istorbju ta' 'carcade' ftit 'il bogħod.*

IT-TIFLA *tqum bilġri u toħroġ tiġri fil-gallarija biex tara min għaddej…*

IL-MISSIER: X'ġara allura – inbidlu?... Dawk min huma?

MARCO: Għadu jinteressak li tkun taf?

IL-MISSIER: Għaliex m'għandux...? Dawk il-ħornijiet?...

MARCO: Trid taf min rebaħ?

IL-MISSIER: Għaliex le?*...(iqum u jinżel mis-sodda)* Jekk ma tridx tgħidli, immur nara jien, ta... Il-bnadar li jxejru ma setgħux inbidlu wisq.

MARCO: Tgħid le?...

IL-MISSIER *jimxi sal-gallarija u joħroġ jittawwal, waqt li* MARCO *jersaq jiġbor il-ktieb tal-ħrejjef tat-*TIFLA.

MARCO: *(idur lejn l-udjenza)* Jekk ma writt xejn mingħand missieri, uritt il-fissazzjoni fuq il-pulitka...

*Hekk kif* IL-MISSIER *jieqaf f'nofs il-gallarija taħt ix-xemx tisreġ, jisparixxi... u miegħu t-*TIFLA.

*Id-dawl fuq is-sodda jitbaxxa xi ftit.*

## 5 Xena

*Kemxejn inkwetat,* MARCO *malajr jitlaq il-ktieb tal-ħrejjef u jaqbad in-'notebook' isfar.*

MARCO: Skużawni, tassew ma nafx kif kelli nibda minn hawn... Għalkemm, jekk inħares lura, proprju dik il-ħabta kont diġà ddeċidejt li nitlaq; naf li kien dak iż-żmien, xi mkien hawn, li kont bdejt id-djarju tiegħi...

*Jogħla d-dawl fuq il-lemin fejn hemm it-tieqa, u taħtha, imdaħħla fil-ħajt dobblu, il-garżella ta' l-injam.*

*Liebsa flokk u 'tights' tal-ballet, hemm* MARY*, żagħżugħa xi ftit qawwija, qiegħda tagħmel* <u>*il-pliès fuq ponot ta' sieq waħda, is-sieq l-oħra stirata għal fuq l-għatu tal-garżella.*</u>

MARY: Titlaq? Titlaq fejn?

MARCO: Tgħajjatx. Għadni m'għedtlux. *(jersaq biex jiftaħ il-garżella)* Ersaq ftit, Mar.

*MARY tniżżel saqajha, u tersaq lejn il-gallarija, tipprattika u tagħmel passi ta' ballerina.*

*MARCO jgħolli l-għatu tal-garżella – iqalleb u joħroġ l-affarijiet minn ġo fiha sa ma joħroġ bagoll antik.*

MARY: Kemm sa ddum?

*MARCO jtiha ħarsa, imma ma jweġibhiex.*

*Jiftaħ il-bagoll u jibda jiżvujtah: joħroġ minn ġo fih gozz imbarazz, (xi ħwejjeġ, kotba, eċċ.) u jixħethom lura ġol-garżella bl-addoċċ.*

*MARY tagħti żewġ passi ballet lejh u tiġbor xi biċċa ħwejjeġ li ħalla taqa' ma' l-art.*

MARY: Meta jsibhom mitfugħin hemm aktar sa jirrabja.

MARCO: Meta nibgħatlek il-bagoll lura tista' terġa' terfa' kollox fih.

MARY: Fejn sejjer? / Għandek fejn tmur?

MARCO: Aħjar ma ngħidlekx. Malajr taf tgħidlu malli jibda jgħajjat.

MARY: Ma jdumx ma jsir jaf, hekk jew hekk.

MARCO: Ta' l-anqas, Mar, ikolli erbat ijiem ċans nissetilja.

MARY: L-ewwel ma sa jagħmel jiġi jfittxek ix-xogħol.

MARCO: Sa nieħu ħmistax *leave*.

MARY: U wara? Sa tieħu *leave* għal għomrok?

MARCO: Forsi. Għala le?

MARY: X'jiġifieri?

MARCO: Kemm sa ndum bil-qiegħda wara bank, inbigħ il-bolol u niżen ittri?…

MARY: Fejn sejjer? X'se tagħmel?..

MARCO: Lura l-università… Ruma.

MARY: Ruma!

MARCO: Erġajt applikajt għall-iskolarxip. *(joħroġ envelop mill-but – juriha ittra)*

MARY: Allaħares isir jaf.

MARCO: Tgħidlux mela. Il-kors jibda tliet xhur oħra.

MARY: U sadanittant?…

MARCO: Sadanittant nagħti l-addijo lil kulħadd. U saħħa u addijo u nfarfar it-trab mill-karkur, u ma nerġa' nħares lura lejn ħadd.

MARY: Grazzi.

MARCO: Niktiblek meta nkun imsiefer, tibżax.

MARY: U lilu wkoll?

MARCO: Jiddependi. Skond kif sa jeħodha.

MARY: Tiktibli xejn lili. Hekk jew hekk nista' nobsor x'jagħmel jekk isibhom hu.

MARCO: Niktiblu – nipprova nfiehmu li ma jistax jippretendi li hu biss għandu dejjem raġun.

MARY: Tiktibli xejn. Jien sa nibqa' hawn inħabbat wiċċi mal-buli tiegħu. U ma' l-iħirsa.

MARCO: Nikteb lilek mela. Niktiblek għand Louis.

MARY: *(maħsuda)* Min?

MARCO: Louis. Preca!...

MARCO *jmur ipoġġi fuq id-'deckchair'.* MARY *tibqa' wieqfa fejn hi, ix-xokk minqux fuq wiċċha.*

MARCO: Naħseb li dik kienet l-ewwel u l-aħħar darba li ssemma' dak l-isem f'din id-dar. Miskina Mary. Kienet taħseb li kienet tant makakka, tant drat issib irkaptu tagħmel kollox inkiss inkiss minn wara dahar missieri, li ħadd ma kien jaf bil-maħbub ballerin tagħha.

MARY: Ma kienx ballerin!

MARCO: Hemm iltqajtu imma, fil-lezzjonijiet tal-*ballet*.

MARY: Kien jiġi jdoqq il-pjanu biss!

MARCO: Però kien f'kumpanija taż-żfin.

MARY: Le, ... mhux dak iż-żmien! Wara. Wara li ...nfridna.

MARCO: Wara li hu *(juri lejn is-sodda)* sar jaf dwarkom u għamel ftit stħarriġ fuqu.

MARY: Ma kellu ebda dritt.

IL-MISSIER: *(min-nofs dalma tas-sodda)* Missier dejjem għandu dritt.

MARY: Int tindaħalx! Le, ma kellek ebda dritt tmur tfittxu – ma kellek ebda dritt tindaħal bejnietna!

IL-MISSIER: *(l-istess)* Il-verità biss li gerrxitu... li gerrxitek…

MARY: Ma kellek ebda dritt... Int… Int mejjet… mela ibqa' mejjet int!

*Jintefa' ħesrem id-dawl fuq is-sodda.*

*Ħoss bħal ta' ġisem tqil qed jaqa' minn fuq is-sodda.*

*Skiet.*

## 6 Xena

MARCO *jqum minn fuq id-'deckchair', in-'notebook' isfar dejjem f'idu, b'sebgħu jżomm il-post fejn kien qed jaqra.*

MARCO: Kont tlaqt filgħodu kmieni. Kien l-aħħar ta' Settembru, ix-xitwa diġà wara l-kantuniera… Qomt għax-xogħol bħas-soltu u għamilt kafè u biċċa towst. Missieri kien diġà fil-bitħa bħas-soltu, ikewwes bil-ħamrija. Qgħadt narah mill-kċina bil-paċenzja kollha jindokra l-kaktus ħdejn il-barumbara: dik il-paċenzja kollha, dik l-attenzjoni u reqqa, dik il-kalma mal-pjanti… u dik l-għebusija kollha magħna.

*Hekk kif ikompli, minn xi mkien 'il bogħod, imma hekk li jogħla bil-mod il-mod, jinstema'* LEĦEN TA' TFAJLA *tgħanni kanzunetta popolari ta' snin ilu.*

MARCO: Xtaqt ngħidlu addijo – xtaqt ngħidlu mqar bonġu, ta' l-aħħar... Imma l-uġigħ, il-qilla kollha miġmugħa kontrieh tul is-snin... *(jieqaf – jisma' l-kanzunetta)* Kont insejtha dik ara – dik il-qilla friska taż-żgħożija, dik l-għafsa ta' qalb ta' żagħżugħ li skopra l-kuntrarju kollu tad-dinja. U, fuq kollox, li sab li dawk li dejjem ħabb, wara kollox ma kinux tant perfetti bħal ma kien jarahom meta kien tifel... Imrar u qtugħ ta' jies li fil-fatt kien jaljena u jaħbi l-vera marda... imrar u qtugħ ta' jies li kienu biss is-sintomu – u li r-rimedju tagħha kien tant viċin... u tant fraġli.

*Jinstema' eqreb il-*LEĦEN TA' TFAJLA *ġej minn xi mkien barra mid-dar; leħen mhux partikolarment raffinat jew melodjuż, imma mimli ħrara u spensjerat – tingħaraf kanzunetta popolari u romantika tas-sebgħinijiet...*

MARCO: Qed tisimgħuha bħali? Kif jista' wieħed ikompli jiġma' l-imrar ġo fih meta jisma' leħen bħal dak?... U safrattant iż-żgħożija taf tuża anke leħen bħal dak biex tkompli tkebbislek il-kilba għall-ħelsien, ix-xenqa għal xiħaġa li teħilsek minn dak li temmen li qed jifgak ġewwa d-dar li fiha trabbejt b'tant għożża, tant innoċenza...

IL-LEĦEN *issa qrib sew.*

MARCO: Ma niftakarx meta smajtu l-ewwel darba dak il-leħen; kienx meta kelli xi sitta, seba' snin, nilgħab ma' oħti fil-bitħa xi Sibt filgħodu, jew meta kelli ħmistax, sittax-il sena nistudja fis-sodda, mgħobbi b'tunnellata kotba għall-GCEs... Kont nittawwal minn wara l-persjani għal ġol-btieħi taħtna, wara l-ħitan tal-ġonna, wara kull ħasira, ngħarrex lejn it-twieqi l-oħra miftuħin fil-bini tiela' ma' kullimkien madwarna... Imma

għalxejn. Min jaf minn fejn kien jiġi dak il-leħen…

*Id-dawl barra t-tieqa jibda jissaħħaħ bil-mod il-mod, hekk li naraw 'il hinn minnu l-ħajt tal-bini ta' faċċata. Minxurin għax-xemx fil-għoli hemm xi żewġ jew tliet ringieli ħwejjeġ li jgħattu t-tieqa jew twieqi li hemm 'il hinn minnhom.*

MARCO: Minn dejjem nafu hekk... Ngħarrex kemm ngħarrex, qatt ma rnexxieli niskopri min kienet. Nara dawk it-twieqi miftuħin, l-inxir imperreċ barra taħt xemx taqli, lożor u twapet mifruxin għal isfel minn fuq xi parapett fil-għoli, u riħa ta' toqlija ġejja tista' tgħid minn kull bitħa, donnu kulħadd jiddeċiedi fl-istess jum u fl-istess ħin biex dak inhar jagħmel l-ispagetti u jonxor il-ħwejjeġ…

TFAJLA: *(minn barra, leħen ċar u qrib)* Skużi, *mister*!

MARCO: Hemm hi!

*Jersaq malajr lura lejn it-tieqa.*

*Minn ħoġor it-tieqa jaqbad bott żebgħa u pinzell u jibda jiżbogħ il-persjani.*

TFAJLA: *(l-istess) Mister!*

MARCO: *(lill-udjenza, bla ma jħares lejha)* Dak inhar, l-ewwel darba li kellimtha, dak inhar għall-ewwel smajtha imma ma ssopponejtx li lili kienet qed tkellem…

TFAJLA: *Mister!*

MARCO: Meta ntbaħt li jien kont il-*mister*, bix-xokk li ħadt kont sa nagħmel taħti! Dik il-vuċi – dak il-leħen! – Kont ċert li kienet hi!… Bil-fixla lqatt il-bott taż-żebgħa u baqa' nieżel għal isfel fuq il-qsari tax-Xiħ.

*Jagħti daqqa lill-bott żebgħa – m'hemmx dubju li qed jagħmilha apposta, biex jurina x'kien ġara…*

TFAJLA: *(daħqa)* Sa jieħu gost missierek meta jsib li saqqejtu l-kaktus bl-oranġo!

MARCO: Min int? Fejn qiegħda?

*Jipprova jittawwal 'il barra, iħares 'il fuq, minn fejn donnu ġej il-leħen.*

TFAJLA: Hawn fuq – il-gallarija l-ħadra…

MARCO: Liema ħadra? Hemm tużżana!

TFAJLA: Din – bl-inxir taħtha!

MARCO: Liema nxir – hawn nofs Malta tonxor it-Tnejn filgħodu?

TFAJLA: Fejn ix-xugamani – ħdejn iċ-ċint bis-sardinelli!

MARCO: Ah! Dik bix-xugamani sofor?

TFAJLA: X'sofor? Bojod, skużi! Fejn qed tarah l-isfar?

MARCO: U iva, bojod… Fejn ir-reċipetto u l-*jeans*?

TFAJLA: Dik!

MARCO: Ah! Qed narak. Ċaqlaq ftit il-ħabel… Hemm int!...

TFAJLA: *Hi!*

MARCO: Jekk iċċaqlaq ir-reċipetto jew tneħħi l-*jeans* narak aħjar!

TFAJLA: Mela kif!

MARCO: Le, irrid ngħid…

TFAJLA: *(tidħaq!)*

MARCO: …Jekk tneħħi ftit l-inxir inkun nista' nara wiċċek, mhux saqajk biss.

TFAJLA: Pastaż!

MARCO: Heqq – jekk ma ridtnix narak għalfejn sejjaħtli?

TFAJLA: Għandek xi basla?

MARCO: Skużi? Basla?

TFAJLA: Għat-toqlija! Ommi ħarqet il-basla u ma rridx nerġa' noħroġ nixtri! Għamilt ġurnata naħsel u nonxor!

MARCO: Iva – basal issib f'din id-dar kieku!

TFAJLA: *(tidħaq)* Ma kontx nobsor – dawk il-kotba kollha dejjem

ma' mnieħrek! Kont naħsbek xi professur!

MARCO: Eh, oħlom! Stenna, ħa nġiblek il-basla... *(lill-udjenza)* Ma ngħidilkomx kif inżiltu t-taraġ dak inhar. / *(lit-TFAJLA)* Stenna hemm! / Missieri baqa' skantat iħares lejja, jarani ntajjar kollox minn taħt il-kabord tal-kċina sa ma ħadt kull basla li sibt.... Nistqarr il-verità, ma nafx jekk kienx bi pjan jew inkella b'kumbinazzjoni li kont diġà ddeċidejt li ma tantx kien sa jkun faċli għalija li nwassal dik l-imbierka basla lit-tfajla moħbija hemm fuq, wara l-ħajt ta' Berlin bil-ħwejjeġ minxurin...

*Joħroġ bixkilla basal minn ġol-garżella.*

*Il-leħen tat-*TFAJLA *jgħanni qrib.*

MARCO: *(jixref mit-tieqa)* Hello – għandek hemm?

*L-għana jieqaf.*

TFAJLA: Hawn għadni!

MARCO: Kemm ridt?

TFAJLA: Xiex?

MARCO: Basal – tajba din!...

TFAJLA: Waħda grazzi!

MARCO: Tridha kbira, żgħira, imdaqqsa?

TFAJLA: Li għandek hu...

MARCO: Nitfagħlek waħda kbira mela...

TFAJLA: Itfa'!

MARCO: Ara ġejja...

TFAJLA: Attent għall-ħġieġ!

MARCO *jixħet il-basla.*

TFAJLA: Kważi! ...Fejn waqgħet?

MARCO: Fil-bitħa ta' taħtna... Tħabbilx rasek – m'hemm ħadd. Għandi oħra!

TFAJLA: Itfa'! Immira aktar 'il fuq. Trid tqabbiżha x-xugamani!

MARCO: Ara ġejja – *number two*! *(jixħet)*

*Ħoss.*

TFAJLA: Ara l-ħġieġa, Marijasanta! Ma nafx kif ma nfaqgħetx!

MARCO: L-ewwel waħda kont ippruvajt nimmiraha sew, biex nuriha kemm kont kapaċi. Iżda mbagħad għedt aħjar intawwal dil-logħba kemm nista' – ma tafx kif forsi jirnexxili nilmaħ wiċċha minn wara l-ħajt ta' Berlin! *(jixħet basla oħra)*

TFAJLA: *(tidħaq)* Ġesumarija! Xi nkiser hemm isfel?

MARCO: *(jidħaq ukoll)* Fejn naf! Isma' – tridx tgħidli fejn toqgħod – ninżel inġibhielek jien? Liemhu l-bieb tagħkom?

TFAJLA: Iġġibli xejn!

MARCO: U ejja – liemhu?

TFAJLA: U le, toqgħod tinqala'! Ixħet oħra!

MARCO: X'ninqala' – mela jien għandi x'nagħmel?

TFAJLA: Hekk irid jisma' missierek! Ilu ġimgħa jgergirlek biex taqbad tiżbogħ!

MARCO: Fejn taf xi jgerger missieri?

TFAJLA: Tajba din! Jekk ma tridux il-ġirien jafu affarikom toqogħdux tpeċilqu fil-bitħa – jew fil-kċina, bit-twieqi miftuħin! La trid taf, naf eżattament x'tieklu kull filgħodu u kull filgħaxija! Il-mejda ta' l-ikel tiġi eżatt bi dritt taħt kamarti!

MARCO: Prosit għalik! U toqgħod tissindika…

TFAJLA: Nissindika xejn! Min ma jridx jikxef xturu jagħlaq il-persjani!

MARCO: F'liema sillabu tal-Matrikola ssibu dak il-proverbju?

TFAJLA: Int taf! U wisq jimpurtani…

MARCO: Ara ġejja basla oħra!

TFAJLA: Immira aktar lejn ix-xellug, hekk… Le – aktar lejn ix-

xellug – lejn il-*jeans…* Hemm!

MARCO *jixħet il-basla.*

MARCO: *(jissomma – imbagħad jinfaqa' jidħaq) Bull's eye!*

TFAJLA: Hi!!… Apposta għamiltha! X'għarukaża! *(imma daħqana)* Tgħidlix mhux apposta!

MARCO: Tajba din, għax bħal dak li qallu jien onxortu hemm dak ir-reċipetto!...

TFAJLA: Vili!

MARCO: Vili għaliex – dak tiegħek jaqaw!...

TFAJLA: Apposta għamiltha!

MARCO: Kif ridtni nimmissja! Par daqs dawk!

TFAJLA: Daqshekk! Ma nkellmekx aktar… U kemm hu żgħir dan il-basal li għandek!?

MARCO: Tridx nitfagħlek oħra – inġibhomlok pariġġ!

TFAJLA: Tridx ma titfa' xejn!

IL-MISSIER: *(minn isfel fil-ġnien)* Marco! – Marco! X'int tgara hemm fuq? Xi l-marijamadoffi qed tagħmel?

MARCO: Xejn, Pa – kont qed niżbogħ!

IL-MISSIER: *(l-istess)* X'tiżbogħ – il-basal u l-ġeranji? Dil-ħġieġa int kissirtha?

MARCO: Jien? Xi ħġieġa?

IL-MISSIER: Ara Marijasanta, Lin, ma tista' tqabbdu jagħmel xejn! Temminha! Lanqas kapaċi jiżbogħ tieqa! Tih jilgħab u ttihx jiekol! Imma temminha, Lin? *(ikompli jinstema' jgedwed waħdu, imma l-kliem ma jingħarafx)*

TFAJLA: Dan missierek ukoll! Fih tip!

MARCO: X'jiġifieri – tip?

TFAJLA: Jien naf – ma' min qed jitkellem? Dejjem igedwed u jgerger waħdu!

MARCO: Mhux waħdu.

IL-MISSIER: *(dejjem minn isfel ġol-ġnien)*…U dieħel! Ma nistax ngħidlu kelma! Imbagħad tippretendi li jisma' minni! / Qatt ma sema' minnek, Lin, sa jisma' minni – dejjem tindaħal u taqbeż għalih int? / Ġej – arani ġej! …U għedtlek ġej!

*Jinstema' bieb tal-bitħa isfel jinfetaħ u jingħalaq b'tisbita.*

TFAJLA: Min hija din Lina? Dejjem ipaċpaċ u jilletika magħha!

MARCO: Ħadd – m'hi ħadd, ara.

TFAJLA: Ħadd kif? Ma' xi ħadd qed ipaċpaċ…

MARCO: Ommi. Kienet ommi la trid taf.

*Pawsa.*

TFAJLA: Kienet? – Imma ommok mejta, le?

MARCO: Hekk hu. Jiena qatt... 'Qas biss niftakarha jien.

*Pawsa.*

TFAJLA: Jiddispjaċini.

## 7 Xena

MARCO: Jien ukoll kien jiddispjaċini. Hu kien baqa' jkellimha. Dejjem niftakru jkellimha, minn meta kont żgħir...

*Idur mit-tieqa – id-dawl barra jitbaxxa bil-mod il-mod u x-xena ta' barra tisparixxi waqt li jkompli.*

MARCO *(lill-udjenza):* Kull darba li npoġġu mal-mejda, is-siġġu tagħha kien dejjem hemm, faċċata tiegħu, vojt. U hu jkellimha... Ħafna drabi kien jitkellem magħha qisna aħna – jien u oħti – qisna aħna konna l-fantażmi, u mhux hi… Meta kiber, qaleb il-ħamsin sew, kien ipoġġi wkoll il-platti quddiemha u l-pożati… Mhux minn dejjem kienu jilletikaw però. Kien meta ġejna hawn, meta bdilna d-dar. Minn kliemu kont nintebaħ li hi ma reditx tiġi hawn – li kienet tippreferi d-dar l-oħra, fejn twelidna kemm jien, kemm

Mary… U fejn mietet hi. Ma stajtx nifhem sew x'kien li ġiegħlu jiddeċiedu jiġi hawn…

IL-MISSIER: *(mis-sodda fid-dlam)* Baħnan!

MARCO: *(semgħu)* Xi raġuni kellu, m'għandix dubju. Id-dar l-oħra kienet akbar – aktar komda – ġirien ma kellniex min idejjaqna…

IL-MISSIER: *(l-istess)* Biex tara kemm l-ulied veru ma jafu xejn fuq il-ġenituri tagħhom…

MARCO: …Fuq kollox kellu mixja itwal għax-xogħol minn hawn…

IL-MISSIER: Għax bħal dak li qallu qatt iddejjaqt nimxi!

MARCO: *(idur lejn is-sodda)* Orrajt – mela għidli int – għalfejn ridt tbiddel id-dar? Illuminana jekk ma jimpurtax!

*Id-dawl jinxtegħel f'daqqa fuq is-sodda tax-xiħ. Jidher* IL-MISSIER *bil-paġama ħamranija, dahru lejna u mimdud fuq ġenbejh bla ma jitħarrek.*

IL-MISSIER: *(imma l-leħen mhux ġej mis-sodda, iżda minn xi mkien in-naħa l-oħra tal-palk)* Biex forsi titlaq. Darba għal dejjem.

MARCO: Nitlaq?… *(jieqaf – jintebaħ li l-leħen ġej minn warajh. Idur lejn il-lemin)* Nitlaq jien? Fejn?…

IL-MISSIER: *(l-istess)* X'int int! Mela jien qatt ridtek titlaq lilek? Jien qatt għedtlek biex titlaq?

*Id-dawl jinxtegħel f'daqqa fuq il-lemin tal-palk.*

IL-MISSIER, *issa ta' xi erbgħin sena u fl-aqwa tiegħu, jinsab mal-mejda, skutella bis-soppa quddiemu. Liebes ħwejjeġ tax-xogħol, minn fejn għadu dieħel.*

MARCO *jersaq lejn il-mejda mdawra bi tliet siġġijiet oħra, imma m'hemm ħadd fuqhom… ħadd li jidher ta' l-anqas.*

*Fuq il-mejda, quddiem kull siġġu, skutelli mfawrin bl-ikel,*

*għajr waħda, fejn xi ħadd diġà kiel, (imma mhux dik faċċata tal-*MISSIER*).*

IL-MISSIER: *(jibla' mgħarfa soppa – ikellem lis-siġġu faċċata tiegħu)* ...Qatt għedtlu itlaqli 'l barra jien, Lin? Qatt keċċejtu? Mela kif twaħħal fija? *(lil* MARCO*)* Poġġi. Ħsilthom idejk?

MARCO: *(jersaq bil-mod)* Iva... *(imma jieqaf indeċiż – ma jafx fuq liema siġġu sa jpoġġi)*

IL-MISSIER: Poġġi! Kemm sa ndum ngħidlek! Ommok issefter warajkom u tħallu kollox jiksaħ!

MARCO *aktar donnu jissomma.*

IL-MISSIER: *(tweġiba – idawwar rasu lejn is-siġġu vojt faċċata tiegħu)* ...Iva naħtfu billi ngħidlu aħsel idejk!? 'Qas kelma ma nista' ngħidlu! Jien għalik, wara kollox! Jekk tridhom jibqgħu jittrattawk qisek il-paljazza tagħhom, affarik! Aktar jien! Ħallihom jinjurawk! Kuntenta int!...

MARCO *jersaq lejn is-siġġu l-ieħor u jpoġġi. Iħares lejn is-siġġu vojt ta' ommu fuq il-lemin tiegħu, imbagħad lejn* MISSIER*u.*

MISSIER*u jgħolli rasu, itih ħarsa, ixengel rasu, jieħu mgħarfa oħra u jkompli jiekol.*

MARCO: *(jieħu l-imgħarfa u jiekol; lill-udjenza)* Soppa ta' l-armla. Jew ta' l-armel, kif kienet issejħilha oħti. Kont insejtha t-togħma. Missieri qatt ma kien xi kok fenomenali. / X'inhu llum?...

IL-MISSIER:: Il-Ħamis! *(lis-siġġu faċċata)* 'Qas jaf x'inhu llum!

MARCO: *(l-istess)* Naturalment: il-Ħamis. Il-Ħamis. Nhar ta' Ħamis biss kienet toħroġ iz-Zija Karm. Għax nhar ta' Ħamis kienet tmur Għawdex għal ġurnata. U dak inhar – speċjalment dak inhar – ma kontx trid tiksirha miegħu. Għal dik il-ġurnata missieri kien ikollu jagħmilha ta' kok u s-soppa ta' l-armla kienet il-*pièce de résistance* tiegħu – jew aħjar, soppa ta' l-

armla kif kien jaf jagħmilha hu…

IL-MISSIER: Jekk ma togħġbokx tikolx; oħtok xebgħet tilagħqu platt.

MARCO *jiekol* – MISSIER*u jħares lejh sodisfatt.*

IL-MISSIER: Fejn trid taqbad tmur, għid?

MARCO: Immur?

IL-MISSIER: Dak li nixtieq naf. Xogħol bħal dak! Taf lil min kelli nkellimlek biex daħħluk hemm, hu? Mur offrilhom *job* bħal dak lil tar-*rundown*, tara jaħtfuhx!

MARCO: Mill-eżami għaddejt. Bil-ħila tiegħi. Ma kellek bżonn tkellem lil ħadd…

IL-MISSIER: Għax bħal dak li qallu tgħaddi mill-eżami trid! L-eżami kliem u numri – kliem u numri biss! U n-numri jafu jitħassru... jitnaqqsu jew jiżdiedu! Naf ngħodd sa l-għaxra jien, Marco. Int però... int… *(ixengel rasu)* Isma' minni. L-ikrah għadu ġej, veru Lin? Billi nbewċu 'l barra l-Ingliżi? Billi nippuppaw sidirna u Malta Maltija! Nieklu 'l xulxin sejrin, ibqa' fuq kliemi! Aħjar mitt bagħal Ingliż milli ħutek il-Maltin! Aħjar itini bis-sieq baħri Ingliż milli jiġġakbinani kull ħaxxej Malti ixejjirlek l-abjad u l-aħmar!… / Iva x'fiha? Ħaxxej fiha xiħaġa? Għax bħal dak li qallu ma jafx xi tfisser! – 'Qas nafu xi rridu; dik hi, minn daqshekk! *(jisma'…)* U mela! Jew vi, jew va, hekk, qisna qed intellgħu l-lottu! 'Qas nafu xi rridu.

MARCO: Kulma għedt jien li m'iniex sa nagħmel għomri kollu fuq bank nilgħaq il-bolol u niżen pakketti. U nittimbra dan u nittimbra l-ieħor.

IL-MISSIER *ikun pront sa jwieġeb imma jieqaf, iħares lejn is-siġġu fejn jisma' 'l OMM(?) tirrispondi 'l binha. Meta tieqaf(?), iħares lejn* MARCO – *itih nofs sekonda ċans jirrispondiha, imma pront ikompli…*

IL-MISSIER: Mela dak jaf! Għedtlek! 'Qas nafu xi rridu! Qatt ma nikkuntentaw ruħna b'xejn! Min għandu flatt irid dar, min għandu mutur irid karozza, min għandu *job* irid tnejn! U issa sat-televixin bil-kulur qabel immutu għad naraw, issa tara! Ħames xhur *overtime* għamilt jien biex xtrajt dak it-televixin. Ħames xhur minn ruħi! Tista' tinsieh minn issa tal-kulur!... / Le, għalija xtrajtu! Mela għal min? / Titgħallmu t-Taljan, tajba, din! Isimgħu llum, isimgħu għada, titgħallmu! Veru? Kolonja Taljana ser nispiċċaw – kulħadd imkaħħal quddiemu! U malli jiftħu *channel* ieħor, ma taqlagħhomx minn quddiemu, 'qas b'kaxxa infernali f'kull kantuniera tar-raħal! Ibqa' fuq kliemi – għad jiġi żmien kull dar f'Malta u Għawdex ħlief bit-Taljan ma jitkellmux! Mur ġibu għadu ħaj Strickland! Pari passu sabiħ!

*Tidħol* MARY *(żagħżugħa) u tmur tpoġġi fuq is-siġġu l-ieħor; tieħu l-iskutella vojta mill-mejda.*

MARY: Dawk it-*tights* m'għadhomx jiġuni, Pa. Nista' nitla' s-Sibt nixtri par Tas-Sliema?

IL-MISSIER: Tas-Sliema fejn?

MARY: *Prince of Wales.* Naf fejn.

IL-MISSIER: Is-Sibt filgħodu *overtime.*

MARY: Naf immur waħdi. Wara li naħsel l-art.

IL-MISSIER: Dil-ġimgħa xotta. Għidli paga oħra.

MARY: Għandi ftit imġemmgħin. Marco jsellifli l-bqija.

IL-MISSIER: Ma rridx nisma' b'self.

MARY: Mingħand ħija mhux self, Pa.

IL-MISSIER: X'għedt int – mhux tissellef?

MARY: U iva, imma mhux l-istess ħaġa...

IL-MISSIER: Mhix l-istess għaliex? Hu jagħtik xiħaġa u int trid troddhielu lura... xi darba: illum, għada, pitgħada, sen'oħra –

u dak li tixtri ma jkunx tiegħek – u safrattant tużah, tqattgħu, teħxin jew ma tkunx tista' tużah aktar, u xorta tkun għadek trid troddu lura…

MARY: M'iniex ħoxna! M'għadhomx jiġuni għax kbirt…

IL-MISSIER: Huwa kbirt…

MARY: Fl-età!… M'għadnix tifla!

IL-MISSIER: Kbirt, ħxint, infaqt, isellift… kollu tidwir mal-lewża.

MARCO: *(idaħħal idu fil-but tal-qalziet u joħroġ karta flus – ipoġġiha quddiem oħtu)* Hawn. U mhux self. Rigal.

IL-MISSIER: Galantom ħej! Basta jrid jitlaq il-*job*! Rigal – rigal ta' xiex?

MARCO: Rigal tat-tieġ. U m'għandek għalfejn qatt tagħtihomli lura. Ħlief meta xi darba tiltaqa' ma' xi sinjurun żgħir żgħir u tiżżewġu.

IL-MISSIER: Ħożż fl-ilma! U fejn tridha tiltaqa' miegħu das-sinjurun; il-*ballet*? Ma' xi sinjorin tiltaqa' hemm, eh Lin?

MARY: X'sinjorin?

IL-MISSIER: …Le – sinjurun mela!

MARY: X'inhi d-differenza?

IL-MISSIER: Xejn m'hi! Kwistjoni ta' lingwa forsi! Forsi trid tistudja ftit aktar Taljan – u mhux xi padidè, eh Marco! *(iqum mill-mejda – jitmattar)*

MARY: *(lil* MARCO *– tiżbarazza l-mejda) Thanks.* Nista' mmur is-Sibt, Pa?

IL-MISSIER: Tmur fejn?

MARY: Tas-Sliema.

IL-MISSIER: Fejn – biex tiltaqa' ma' xi ħadd, eh? Għalhekk trid toħroġ?

MARY: Nixtri t-*tights*!

IL-MISSIER: Tixtri t-*tights*. Int żgura m'għadhomx jiġuk?...

MARY: Ċerta!... Nista' mmur?

IL-MISSIER: Staqsi 'l ommok! Jien xogħol sa nkun – erġa' ppruvahom u staqsi 'l ommok! Kollox jien! Sa niġi jien nara jiġukx it-*tights* jewwilla!

*Id-dawl jitbaxxa minn fuq il-mejda; jibqa' biss, u l-aħħar li jinsatar fid-dlam, is-siġġu vojt fejn suppost hemm bil-qiegħda l-omm...*

MARCO: "Staqsi 'l ommok." Ma nafx kemm-il darba kien joħroġ biha dik. L-aktar meta beda jikber imbagħad. B'xorti tajba drajna nirrispondu "Il-Ma qalet iva!" Kultant kien iħallihielna tgħaddi lixxa. Kultant kien jgħid: Mela staqsu z-Zija Karm!

## 8 Xena

*Mużika fuq pjanu: eżerċizzju tal-ballet.*

*Tidħol* MARY *u tmur lejn it-tieqa — ripetizzjoni tax-xena numru ħamsa:* MARCO *jmur lejn il-garżella taħt it-tieqa, jiftaħha u jerġa' joħroġ il-bagoll.* MARY *tagħmel l-istess passi ta' żfin bħal qabel u tersaq lejh tiġbor il-ħwejjeġ li jxerred fl-art. Tieħu l-envelop u l-ittra u taqraha...*

MARCO *(sadanittant)*: Karmena kienet oħt ommi. Kienet l-uniku membru tal-familja tagħna – minn fost kemm zijiet, neputijiet u qraba oħra li żgur li kellna u li għad għandna – l-unika li missieri kien qatt ħalla tidħol għandna wara li mietet ommi. U spiċċat biex baqgħet tgħix magħna. Ħlief nhar ta' Ħamis meta kienet tmur Ta' Pinu, Għawdex. Tgħidulix għaliex. Eżatt, ma nafx. Naf biss li kienet għamlet xi wegħda. Nies ommi fil-fatt kienu minn Għawdex. Però ma niftakarna qatt immorru narawhom. U x-Xiħ kien jgħid li huma lanqas ma kienu jiġu jarawha, lanqas meta kienet qed tmut bil-kanser...

*Tieqaf il-mużika.*

MARY *bħal donnha tiżbalja l-movimenti tal-ballet tagħha u titfixkel f'saqajha…*

MARCO *jersaq u jgħinha tqum.*

MARCO: Niktiblek meta nkun imsiefer, tibżax.

MARY: U lix-Xiħ ukoll?

MARCO: Jiddependi. / Min kif sa jeħodha.

MARY: Tiktibli xejn. Hekk jew hekk nista' nobsor x'jagħmel jekk isibhom hu.

MARCO: Niktiblu – nipprova nfiehmu li ma jistax jippretendi li hu biss dejjem għandu raġun.

MARY: Tiktibli xejn. Jien sa nibqa' hawn inħabbat wiċċi mal-buli tiegħu.

MARCO: Nikteb lilek mela. / Niktiblek għand Louis.

MARY: Min?

MARCO: Louis! Preca... *(lejn l-udjenza – sa jibda jispjega:)* Louis Preca kien… Imma diġà għedtilkom, le?

MARY: Ma nafx għal min qed tgħid…

MARCO: *(itiha ħarsa)*

MARY: Ah... jaqaw tal-pjanu?

MARCO: Tal-*ballet.*

MARY: Għax int kont tafu l-iskola, hux?

MARCO: San Alwiġi. Is-Sixth Form.

MARY: Qabel ma keċċewk.

MARCO: Tlaqt għax ridt jien.

MARY: Louis jgħidha mod ieħor… *(tieqaf)*

MARCO: Nista' nobsor… U hu – qallek għaliex ma kompliex hu?

*Tibda l-mużika* – MARY *titbiegħed minnu tiżfen.*

MARY: Hekk jew hekk, x'jimpurtani x'tgħid int? Jew x'jgħid Louis. Mur. Dabbar rasek.

MARCO *joħroġ karta u lapes mill-but u jikteb xiħaġa.*

MARCO: *(itiha l-karta)* Hawn. Ara fejn tpoġġiha.

MARY: X'inhi?

MARCO: Fejn sa nkun. Ikollok bżonn ċempel dak in-numru. Jekk ma nkunx hemm, jgħadduli l-messaġġ.

MARY: Dan fejn?

MARCO: Għawdex.

MARY: Għawdex... Intant Għawdex? Taf iz-Zija Karm?

MARCO: Ħallik minn dik! U ara tgħidlu! ...M'għandha x'taqsam xejn iz-Zija Karm f'din. Sibt nikri post għal ftit...

MARY: Sakemm issiefer.

MARCO: Probabbli.

MARY: Probabbli...

*Xi moviment tal-ballet, imma b'idejha biss, imbagħad tieqaf.*

MARY: *(ixxejjer rasha xejn konvinta)* Probabbli – Imma m'intix ċert.

MARCO: Naf x'jien nagħmel. Dil-ġurnata kellha tasal xi darba... inevitabbli. Li kien għalih nibqgħu hawn ġew, miegħu, taħt dan is-saqaf... u magħha. Naf x'qed nagħmel, iva Mar. U għalik ukoll qed nagħmlu. Xi ħadd irid jibda jħoll l-irbit, jiftaħ il-bibien...

MARY: U min jaf kieku wara li ttir int jibdiex isakkar aktar bibien – jirdoppja l-għassa!

MARCO: Għalhekk m'iniex sa naqbad u nitlaq mill-ewwel. Irrid nara x'se jagħmel. Kif jeħodha. Ċempilli jekk tara li... *(jaraha sa tibda tippanikkja)* Mary... jien hawn sa nkun, mhux bogħod wisq. Ċempilli mill-ewwel jekk jinqala' xiħaġa. Ara fejn tpoġġih

dak in-numru. Hawn ma nkunx nista' nikkuntattjak jien.

MARY: Dalwaqt sa jdaħħlulna t-telefown. Ġimgħa oħra qal il-Pa. Mar ikellem lil xi ħadd!

MARCO: Dejjem ikellem lil xi ħadd! U dejjem joħroġ ta' mażetta!

MARY: Le – issa ilna sentejn. Wasalna appik! Min jaf kieku tistenna mqar ġimgħa oħra?...

MARCO: Xiex? Biex forsi jaqa' l-Gvern? U l-Pa jmur ikellem lil xi ħadd ieħor!?

MARY: Marco...

MARCO: Tibżax. Ċempilli kuljum jekk trid; ma jiddejjqux. Jgħadduli risposta.

MARY: U int ċempilli wkoll. Għidli kif sejjer. Ħa ntik dan-numru... Ta' Louis.

MARCO: *(tbissima)* Ah! ... Imma diġà għandi, Mar.

MARY: Għandek?...

MARCO: Għandi.

MARY: Da'... Dan numru ġdid. Tal-....

MARCO: Naf.... *(it-tbissima għebet)* Tal-flatt, mhux hekk?

MARY: *(tiħmar nar – iddawwar wiċċha)*

*Pawsa.*

MARCO: Oqgħod attenta, Mary, OK? Qed tifhimni?...

MARY *tagħmel 'iva' b'rasha, imma ma tissugrax tħares lejh.*

MARY: Għadni qatt ma rsaqt 'l hemm, emminni.

MARCO: Nemmnek.

MARY: Alla ħares isir jaf... *(tippanikkja)* Madonna Ħanina! Allaħares, Marco!

*Iddur u tiġri lejn ħuha.* MARCO *jgħannaqha miegħu, jipprova jikkalmaha.*

MARY; Allaħares, Marco! Tmurx, Marco, nitolbok, tmurx. X'se nagħmel hawn waħdi, Marco? Tmurx, Marco! Stenna ftit! Imqar ġimgħa oħra…

*'Spotlight' fuqhom għal tul ta' ħin, imbagħad* MARY *tinħall minn miegħu u tmur tpoġġi fuq is-sodda fejn bil-mod il-mod jibda tiela' dawl mgħajjeb.*

## 9 Xena

MARCO: Bkejt magħha. Imma ma stennejtx ġimgħ'oħra. Xorta tlaqt l-għada filgħodu. – Il-Gvern baqa' ma waqax. U t-telefown kellhom idumu xi sentejn oħra sakemm sa fl-aħħar daħħluhulna. Ma nafx kienx minħabba li l-Pa ma baqax aktar imur ikellem lil xi ħadd... Minn dak inhar li tlaqt infatti, tista' tgħid ma kellem lil ħadd aktar. Lanqas lil ommi.

*Waqt li jkompli jitkellem naraw lill-*MISSIER *iqum mill-art, fejn reġa' kien mixħut, in-naħa ta' ġewwa tas-sodda, u jimtedd fuqha, Jinjora lil MARY u jtiha dahru hekk kif imidd rasu fuq l-imħadda.*

*Tidħol* IT-TIFLA *u tersaq ħdejhom; ddaħħal magħha t-Tork u l-kotba tat-tfal u tpoġġihom f'tarf is-sodda ħdejn saqajhom.*

MARCO: …Lanqas ma naf jekk Mary qattx marret il-flat ta' Louis. Qabel tlajt Għawdex mort sibtu hemm u heżżiżtu tnejn sew. Lil Luois, mhux lil flatt – metaforikament… Il-flatt ma kienx tiegħu. Ta' xi ħabib; ċertu Raymond li kien mar l-Arabja Sawdija jitgħallem l-Għarbi għal ftit xhur. Għax ir-riħ tal-bidla ma kienx beda jdur biss fuq il-bejt ta' did-dar…

IT-TIFLA *tiġi lejh u did-darba jaraha; x'ħin tasal ħdejh ikompli jitkellem imma jerfagħha mill-art u jżommha fuq driegħu.*

MARCO: Ir-riħ tal-bidla fil-gżira issa kien deċiżament dar u beda jonfoħ minn nofsinhar. Fejn qabel ridna nqaċċtu saħansitra l-

biċċa lewn griż fir-rokna ta' fuq tal-bandiera tagħna, xi ħadd ma ddadarx jipprova jżewwaqha b'xi ftit aħdar...akkost li nwarrbu s-salib minn hemm. *(jersaq lejn is-sodda)* Skużawni: tbegħdna xi ftit mit-teżori ta' Ali Baba... Jew forsi mhux daqstant.

*Ikompli waqt li t-*TIFLA *tħabbillu xagħru jew tilgħab ma' mnieħru... hu jipprova jżommilha idha biex tieqaf, imma bla wisq suċċess.*

MARCO: Għedtilkom: xtaqt nipprova nagħmilha f'zewġ atti din il-ħolma... Għal xi wħud minnkom il-ħmar il-lejl diġà twal wisq u ma nistenniex li narahom fil-bidu tat-tieni att... Insellem lil dawk li sa jħalluna. *À bientot* lil dawk li sa jibqgħu magħna. Dawn *(l-atturi l-oħrajn)* hawn sa jkunu – jistennewkom, kif dejjem kienu. *Lights!*

*Jistenna sakemm sa fl-aħħar* IT-TIFLA *tieqaf tilgħab. Iħares lejn l-udjenza.*

IT-TIFLA: *(lejn l-udjenza hi wkoll) Dawl!*

*Dlam.*

TMIEM L-EWWEL ATT.

## IT-TIENI ATT

*L-istess xena.*

*Il-gallarija għandha damask aħmar imdendel għal barra u tul ta' bozoz tal-festa lesti biex jinxtegħlu.*

MARCO *jinsab bilqegħda fuq il-bagoll, liebes 'Bombay hat' abjad f'rasu. Liebes bħal fl-ewwel att, għajr li issa neża' l-qmis u liebes flokk ta' taħt tas-sajf biċ-ċingi.*

IL-MISSIER, *liebes l-istess paġama ħamranija, jinsab bil-qiegħda, saqajh imdendlin 'l isfel mal-ġenb tas-sodda, li issa tinsab maqtugħa xi metru mill-art u mdendla fl-ajru. Taħtha hemm għadd ta' pjanti tal-kaktus ta' kull daqs u għamla, waħda minnhom f'ħoġor* IL-MISSIER.

### 1 Xena

MARCO: *(jgħanni)*

Tar-rizzi waqa' l-baħar,
ta' l-imħar qabeż għalih...
*(jipprova jiftakar kif tkompli – jerġa' jibda)*
Tar-rizzi waqa' l-baħar,
ta' l-imħar qabeż għalih;
tar-rizzi tela' jiġri…
ta' l-imħar baqa' fil-qiegħ!

MARCO: Ma nafx għaliex bqajt niftakarha dik il-biċċa għanja. Niftakar żgur lil missieri jkantaha meta kont daqsxejn ta' tfajjel… *(jinża' l-kappell)* Kont sa ngħid xiħaġa wkoll fuq dan il-kappell. Konna nsibuh bħala l-*Bombay hat* – min jaf għaliex? Niftakru jilbsu z-Ziju Valent, ftit wara l-gwerra… Skużawni. Kultant jiġik dubju minn fejn taqbad tkompli. Kif jgħidu, hekk

jew hekk l-istorja ta' ħajtek, inti u tgħixha, ġurnata wara ġurnata, qajla tintebaħ, hekk kif jisbaħ il-jum, jekk intix qed tgħix ġurnata, data importanti f'ħajtek, jew le.

*Jersaq lejn il-gallarija u minn fuq barra jibda jaqla' bandiera li hemm imdendla għal isfel fuq id-damask aħmar.*

MARCO: Per eżempju… Din għal xi raġuni jew oħra, dak inhar, kont naħseb li kienet l-aktar ġurnata importanti ta' ħajti... it-30 ta' Lulju,1966. Jum storiku. *(wieħed jintebaħ li l-bandiera hija l-Union Jack)* L-aktar ġurnata importanti ta' żgħożiti… U tiftakru x'kien jismu dak il-famuż Russu li qajjem dik il-kontroversja kollha?... Le, mhux Kruschev – għalkemm id-daqqiet biż-żarbun tiegħu mhux ta' min jinjorahom l-anqas! X'kien jismu?… Iċċekkjajt l-isem qabel dħalt hawn – kien Bahkramov!... Il-*linesman* li vvinta l-ewwel gowl fantażma ta' l-Ingliżi fl-*extra-time*! Hekk hu: l-1966 – l-Ingilterra *Champions tad-Dinja*! Għall-ewwel u l-unika darba...f'dan il-millennju ta' l-anqas! Biex imbagħad kellu jkun id-driegħ t'Alla Arġentin biex jerġa' jistabbilixxi xi ftit l-ekwilibriju tal-ġustizzja futbolistika…

MARCO *jersaq lejn* IL-MISSIER *fuq is-sodda u jtih tarf tal-bandiera u bejniethom jibdew jitwuha pulit pulit qishom qed jitwu liżar.*

IL-MISSIER: Tiftakar meta kont xtrajtha din?…

MARCO: Int kont li xtrajtha?

IL-MISSIER: Mingħand Nenu r-regettier. Ħames xelini kien ħadli – u probabbli ġabha bis-soldi mingħand xi fizzjal Ingliż.

MARCO: Niftakru – kien jiġi filgħaxija, dejjem wiċċ laskri, dejjem jipprova jbiegħlek xiħaġa minn taħt it-taħt, u z-Zija Karm lanqas biss trid tħallih jidħol mill-antiporta 'l ġewwa…

IL-MISSIER: L-ewwel darba li tellajtha kien Jum il-Ħelsien – bi sfida…

MARCO: U ħarqulna l-bieb... bi tpatija! Niftakar…

## 2 Xena

*Tidħol* IZ-ZIJA KARM *b'inkwatru kbir ta' xi qaddis f'idejha u tmur lejn il-gallarija.*

ZIJA KARM: *(mhix taraħ)* Marco! Fejn għamiltha dik il-plakka? Marco!

MARCO: *(bla ma jdur iħares lejha – ikompli jitwi l-bandiera)* Iz-Zija Karm! Oħt il-mama. Kienu tewmin, mhux hekk?

IL-MISSIER: Imma ma jixxiebhu xejn!

MARCO: Dejjem niftakrek tgħid hekk…

*Minn barra donnu jibda jinstema' wkoll xi daqq marċesk bit-tnabar.*

IL-MISSIER *u* MARCO *jmorru jiddepożitaw il-bandiera fil-garżella: ritwal kważi ċerimonjali hekk kif it-tnejn, wieħed wara l-ieħor, jersqu lejn it-tieqa,* IL-MISSIER *bil-bandiera mitnija f'idejh it-tnejn,* MARCO *bil-'Bombay hat' mistrieħ fuq driegħu.*

ZIJA KARM: *(iddendel l-inkwatru barra l-gallarija; issejjaħ)* Marco, dik il-plakka! Kwart' oħra jkunu hawn! Fejn il-madoffi qiegħed!

IL-MISSIER *u* MARCO *jispiċċaw 'iċ-ċerimonja'.*

MARCO *jdur lejn zitu waqt li* l-MISSIER *imur lura fuq is-sodda.*

ZIJA KARM: MARCO!

MARCO: …Iva hawn!

ZIJA KARM: U l-Papa Ruma! Fejn hi l-plakka – mela ma tismax?

MARCO: Xi plakka?

ZIJA KARM: L-*extension*! Biex nixegħlu l-gallarija! Fejn għamilha missierek? Hux hu reġa' ħadha?…

MARCO: Jien naf!

ZIJA KARM: Kollox jien! Waslet il-purċissjoni u aħna l-unika gallarija mhix mixgħula! Mhux biżżejjed jgħidu fuqna!

IL-MISSIER *joħroġ 'extension cord' minn taħt il-friex u jtiha lil* MARCO.

MARCO: *(imur biha)* Iva, hawn – hawn!

IZ-ZIJA KARM *teħodha u tikkunnettja d-dwal fil-gallarija.*

*Jinxtegħlu d-dwal ta' barra.*

MARCO *jmur fit-tieqa u joħroġ turrun kotba minn ġol-garżella, imbagħad ipoġġi bi ktieb oħxon f'ħoġru; taparsi qed jaqra, imma aktar moħħu f'li jittawwal 'il barra mit-tieqa, 'il fuq lejn il-lemin.*

ZIJA KARM: Erbgħa ma xegħlux! *(imdendla 'l barra tilgħab ma' xi bozza jew tnejn li ma kinux issikkati sew)* Le, di' tajba... u din ukoll! Tnejn! Marru tnejn! Inżel isfel u aqla' tal-kċina u tal-kuritur.

MARCO: Issa ninżel.

ZIJA KARM: Meta issa? Fil-Ġudizzju 'Niversali?

*Minn xi mkien mhux bogħod jibda jinstema' riesaq kant reliġjuż – jerga' t-tanbir ritmiku ta' banda ta' l-Iscouts.*

ZIJA KARM: Ismagħhom! *(tittawwal)* Ġa waslu ħdejn tal-Coca!

*Imma* MARCO, *moħħu dejjem f'barra mit-tieqa, ħareġ xiħaġa mill-but u qed jimmira 'l fuq.*

ZIJA KARM: *(tidħol mill-gallarija biż-żewġ bozoz f'idejha u ddur lejh)* X'int tagħmel hemm?

MARCO *jitfa' xi sold 'l fuq imma l-mira tmur żmerġ u* MARCO *jxengel rasu, isegwi s-sold nieżel 'l isfel fil-ġnien…*

ZIJA KARM: Imma kemm int skansafaċendi! Xi l-madoffi inti tagħmel? Mela veru kulħadd żboxxla hawn ġew! X'int tagħmel?

MARCO: *(idur 'il ġewwa)* U xejn!

ZIJA KARM: *(tittawwal 'il barra)* X'int titfa? Mela trid tħammġilhom il-ħwejjeġ? Biex żgur jiftħu xi ħanġra daqsiex? U Santuspirtu! Mela issa sa jibda jtik lilek ukoll? Mhux biżżejjed missierek!

MARCO: U ħallini! Ġib. *(jeħdilha l-bozoz minn idejha)* Issa nbiddilhom!

ZIJA KARM: ...U Santuspirtu! Aktar jien! Nixtieq naf xi jkun għaddej minn moħħkom!

*(Toħroġ)*

MARCO: Kieku qatt basret! *(iż-żewġ bozoz f'idu, jħares 'il barra mit-tieqa; qed tiġih idea)* X'tentazzjoni dik! Kienet baqgħet iddendilhomli hemm – apposta!

*Iħares lejn il-bozoz, waħda f'kull id, jiżinhom ħafif ħafif u jikkalkula d-distanza mill-mira tiegħu… Jersaq lejn xifer it-tieqa, jixxabbat 'il barra kemm jista', jimmira sew, u nofsu mdendel barra mit-tieqa jgħolli idu biex jixħet l-ewwel bozza… u jieqaf hekk, bla ma jitħarrek.*

IL-MISSIER: Kieku qatt għaddietli minn moħħi! Kont ninżel hemm isfel u daqqa nsib xi sitt ħabbiet, daqqa xi patata mnawra, daqqa xi boċċa…

MARCO: *(xorta ma jitħarrikx)* X'boċċa! Bubun, mhux boċċa! Bubun daqsiex!

IL-MISSIER: U darba minnhom il-ħġieġ ta' żewġ bozoz ħomor imkissrin… eżatt f'nofs il-belladonna.

MARCO: *(l-istess)* U dak inhar kif ridtni nimmira – dak l-għagħa kollu li kien qam? …

## 3 Xena

*Jogħla d-daqq tat-tnabar tal-Boyscouts; il-purċissjoni tinsab eżatt taħt il-gallarija.*

MARCO *jiġri lejn il-gallarija u jittawwal barra…*

*Tidħol* IT-TIFLA *mil-lemin liebsa bħal qabel. Timxi pass pass meqjus mad-daqq tat-tnabar; f'idha għandha qoffa żgħira li minnha tixħet u xxerred il-ward madwarha hi u għaddejja.*

*Sadanittant, nisimgħu dak li qed jiġri isfel fid-dar, fl-intrata:*

*ZIJA KARM: Hawn – daħħlu hawn – fuq is-sufan!…*

*TFAJLA: Ara x'kull waħda; filli miexi dritt qisu xemgħa, filli jistabat wiċċu ma' l-art!*

*IL-MISSIER: Iva warrbu! Jew agħtu daqqa t'id jew warrbu min-nofs! Aħjar imur xi ħadd iċempel it-tabib, jew għand l-ispiżjar, hawn wara – Iva ċaqlaq xi ħadd!*

*ZIJA KARM: Kiesaħ silġ: kutra għandu bżonn – ħa nġiblu minn fuq!…*

*TFAJLA: U xi mħadda – Marijasanta kif sar isfar mewt!*

Iz-ZIJA KARM *tittfaċċa fuq il-lemin u tiġri lejn is-sodda hekk kif* MARCO *jidħol mill-gallarija.*

MARCO: Rajtu Zi, kif baqa' stendut; tgħid mejjet?

ZIJA KARM: *(iġġebbed il-lożor minn fuq is-sodda)* U x'mejjet! Tah ħass ħażin bid-debbulizza! Mixja bħal dik! Kemm għadu żagħżugħ jaħasra; bilkemm temmen li ġa laħaq qassis. Mur iġri s'għand l-ispiżjar int – għidlu jiġi!

MARCO: U ġa hemm nofs ir-raħal iħabbtulu wara l-bieb! Jien jonqos!

*Minn fuq is-sodda* L-MISSIER *jitfa' l-imħadda liz-*ZIJA.

ZIJA KARM: *(tiġborha)* U dawk il-bozoz bqajt ma bdilthomx, hux veru!

MARCO: Tgħid mhux għalhekk ħassu ħażin, Patri Pin!

IZ-ZIJA KARM *toħroġ bl-imħadda.*

MARCO: *(lill-udjenza)* Tiftakruhom dawk il-purċissjonijiet, bl-abbatini, l-antaljoli, ta' l-iscouts bil-bnadar itambru, il-bniet kollha lebsin l-abjad bil-qfief f'idejhom ixerrdu l-ward u l-qronfol ma' kullimkien – xi pulizija fuq iż-żiemel jagħmel minn kollox biex jirfes il-kallijiet ta' min jazzarda jinżel il-bankina?...

IT-TIFLA *tagħtih warda minn ġol-qoffa mbagħad thompli ddur mal-kamra u bil-mod il-mod terġa' tiġbor il-ward kollu mxerred fl-art.*

MARCO: ...Qatt ma stajt nifhem kif ward sabiħ daqshekk kellu jintrema fl-art biex jintrifes taħt is-saqajn. U malli jkolli ċans, kif tgħaddi l-purċissjoni, kont niġri nipprova niġbor xi waħda li baqgħet ma ntrifsitx... Ukoll dak inhar li daħħlu 'l Patri Pinu d-dar tagħna wara li ħassu ħażin. L-ewwel ġie l-ispiżjar u pront warajh anki t-tabib. Bejniethom sa fl-aħħar irnexxielhom igerrxu 'l barra lill-kurjużi kollha li daħlu f'darna... Imma l-aktar li niftakar huwa l-ħars bejn dawk iż-żewġ dutturi hekk kif ingħalaq il-bieb. Il-purċissjoni kienet baqgħet għaddejja imma aktar tard kien ġie l-arċipriet u sa fl-aħħar iddeċidew li aħjar ma jċaqalquhx għal dak il-lejl. Patri Pinu kien raqad għandna, isfel fis-salott, biz-Zija Karm iddur bih il-lejl kollu...

IL-MISSIER: L-uniku barrani li qatt raqad ġo did-dar kemm domt ħaj jien.

MARCO: U iva – qassis kien.

IL-MISSIER *(ton)*: Iva, qassis...

MARCO: X'jiġifieri?

IL-MISSIER: Il-festa bil-bandieri.

MARCO: Għid!

IL-MISSIER: Xi tridni ngħid? Naf li li kieku dak ma daħalx hawn...

MARCO: Xiex kieku?

IL-MISSIER: Kont taf li zitek kienet baqgħet tmur tqerr għandu?

MARCO: Le... Iva, għandu jkun... Allura?

IL-MISSIER: Ballare! Allura ballare!

## 4 Xena

IL-MISSIER *jinżel mis-sodda.*

*Hemm siġġu ħdejn is-sodda bil-ħwejjeġ fuqu, lesti biex jilbishom. Jinża' l-paġama u jilbes il-qalżiet. Tidħol fuqu z-*ZIJA KARM.

IL-MISSIER: *(itiha dahru – imriegħex aktar milli wieħed seta' jissopponi)* Iv'ara tħabbat ta!

ZIJA KARM: U kollox sew!

*Ittih daharha hi wkoll. Tidher nervuża imma qed tipprova żżomm kalma; liebsa libsa u par żarbun pulit, lesta biex toħroġ.*

ZIJA KARM: Mela ħiereġ?

IL-MISSIER: M'intix tara. Nieżel sal-każin t'isfel... U int – hemm xi lbist?

ZIJA KARM: Jien?... Jien kont ħierġa. Għal ftit.

IL-MISSIER: *(tħażżem u lest – idur u jħares lejha)* Fejn sejra?

ZIJA KARM: Ridt naqbeż qabża s'Għawdex.

IL-MISSIER: Għawdex? Ħierġa għal ftit... Għawdex?! *(ebda tweġiba)* Għawdex illum? Għalfejn?

ZIJA KARM: Nara 'l tal-familja.

*Ikun sa jgħid xiħaġa imma jigdem ilsienu fil-waqt.*

IL-MISSIER: *(idur u jkompli jilbes)* Tiġi ma' ta' l-aħħar allura?

*Pawsa.*

IL-MISSIER: Allura?

ZIJA KARM: Iva, ma' ta' l-aħħar. Nilħaq nagħmilulkom il-kolazzjon għal għada. Lestejtilhom is-soppa għal li jista' jkun. Kemm issaħħnuha.

IL-MISSIER: Għal li jista' jkun x'jiġifieri?

ZIJA KARM: Taf int, il-vapur kultant, il-baħar… *(tiġbor xi ħwejjeġ maħmuġin minn taħt is-sodda)* Għedtlek, Pawl, ikollok x'taħsel itfagħhom fil-barmil fil-banju…

IL-MISSIER: Issa nitfagħhom, ġib 'l hawn! *(jaħtafhomlha lura)* U ara li dawk it-tfal ma jibqgħux reqdin. Għada xift tas-sitta.

ZIJA KARM: Tinkwieta xejn.

*Toħroġ.*

## 5 Xena

IL-MISSIER *jagħti daqqa ta' sieq lis-siġġu.*

IT-TIFLA *taħrab imbeżżgħa u tmur tistaħba.*

IL-MISSIER: Tinkwieta xejn! Daqqu l-għaxra ta' bil-lejl u Alla m'għamilha! Il-ħdax, nofs il-lejl, xejn! Sabiħ tinkwieta xejn! Sa fl-aħħar mort l-għassa u ċemplu Għawdex... Imma għalxejn: jekk niesha kellhom telefown ma setgħu jaqbdu lil ħadd…

MARCO: Nies ommi u ma kellekx telefown tagħhom?

IL-MISSIER: La telefown, la indirizz.… la xejn. Dawk ma kinux nies bħalna.

MARCO: Kif mhux bħalna?

IL-MISSIER *jerġa' jinża' u jilbes il-paġama.*

IL-MISSIER: Qatt ma qalet fejn marret. Ġiet lura qisu ma ġara xejn…

MARCO: U int xenata tal-beatipawli – waħda minn tiegħek…

IL-MISSIER: …U hi qisha statwa tal-ġibs – vara tal-Ġimgħa l-Kbira! Qabdet, daħlet, marret fuq – qisu ma ġara xejn! – biddlet u reġgħet niżlet tagħmel il-faċendi. Bla qatt ma qalet fejn marret. *(jitla' fuq is-siġġu – sa jitla' lura fis-sodda)*

MARCO: Kellha kull dritt. Ma kinetx martek wara kollox…

IL-MISSIER: Imma tgħix taħt is-saqaf tiegħi! U hawn mhux annimali jgħixu!

MARCO: Tgħix hawn għax kellek bżonnha int…

IL-MISSIER: Le – għax kellkom bżonnha intom! *(jerġa' jinżel mis-siġġu)* Għax meta ommkom mietet kontu tfal!… U jien ridt naħdem, mhux noqgħod inbiddel ħrieqi, insajjar u naħsel l-art!

MARCO: Li għamlet, għamlitu għalina lkoll.

IL-MISSIER: U jien kelli dritt għal mara? Mara biex teħodli ħsieb uliedi?…

MARCO: U hi kellha dritt?…

IL-MISSIER: …Kelli jew ma kellix?

MARCO: …Kellha dritt għall-ħajja privata tagħha? Darba, ġurnata waħda biss fil-ġimgħa?...

IL-MISSIER: Jew, kelli dritt? Kelli jew ma kellix jien?

*Tidħol* IZ-ZIJA KARM . *Timxi bla għaġla iżda b'passi deċiżi lejn* IL-MISSIER. *Jaraha riesqa lejh imma jieqaf bla ma jitħarrek sa ma tasal fuqu…*

MARCO: *(lill-udjenza)* Għax kien minn dak inhar li bdiet toħroġ kull nhar t'Erbgħa filgħaxija u ma tiġix lura qabel il-Ħamis tard wara nofsinhar. Darba, lil oħti qaltilha li kienet għamlet wegħda – għalhekk kienet tmur Għawdex. Kienet tmur is-Santwarju ta' Pinu…

IZ-ZIJA KARM *waqfet quddiem* IL-MISSIER – *tistenna…*

IL-MISSIER *(jħares lejha – jgħid il-kliem fatali)* Huwa ta' Pinu kienet tmur!...

*IZ-ZIJA KARM taghtih daqqa ta' ħarta.*

*Pawsa.*

IL-MISSIER: Ma rridekx aktar hawn ġew... Qed tismagħni! Ma rridekx...

ZIJA KARM: Vili. U ma taranix hawn ġew aktar, tibżax! L-ewwel dak *(turi lejn* MARCO*)*, imbagħad Mary... U issa jien. Min sa jibqagħlek aktar hawn, Pawl, wara li tkun keċċejt lil kulħadd? Min? Il-fantażmi?... Kemm trid tbiegħed aktar nies minnek? Kemm? Illum żvujtajt did-dar, għada x'tagħmel? Tkeċċi l-ġirien, imbagħad it-triq kollha, imbagħad ir-raħal kollu, Malta kollha?...

IL-MISSIER: Mur!... MUR! ITLAQ!

*Toħroġ.*

## 6 Xena

MARCO: Malta – l-isbaħ post tad-dinja. Hekk niftakru jgħid missieri; ix-xemx, il-baħar, it-temp... Iva, l-isbaħ post tad-dinja... kieku m'hawnx il-Maltin jgħixu hawn; neħħi l-Maltin...

IL-MISSIER: U l-Għawdxin...

MARCO: ...U m'hemmx post isbaħ. Neħħi lsien in-nies...

*Il-bieb ta' barra jinstabat.*

IL-MISSIER: Ma kienx tort tiegħi! Kienu rawha miegħu l-Mellieħa u ġew jgħiduli...

MARCO: Kienu rawha... jew ħasbu li rawha. Jew raw dak li ħasbu li jridu jaraw... Xi ħadd li mar ifittxilha passiha forsi; xi ħadd li qabbadtu int...

IL-MISSIER: Jien ma qabbadt xejn...

MARCO: Xi ħadd li ħaseb qed jagħmillek pjaċir mela.

IL-MISSIER: ...Ma qabbadt lil ħadd. Lil ħadd, qed tifhem! Hawn ġew kulħadd jagħmel li jrid! Hawn ġew kulħadd jidħol u joħroġ meta jrid! Sirna każin hawn ġew! U oħtok – oħtok kif ma' tistħix? *(lura fis-sodda)* Għax ma tgħidilhiex xiħaġa? Kif jien biss irrid nidher ikrah; kif bilfors dejjem il-missier irid idendel kusu? Dawk it-tfal għad jgħalluk, Lin! Kompli tihom ir-riħ, kompli bil-fsied… Tara jaqbdux u jsabbtulek il-bieb f'wiċċek – bilkemm tissogra tgħidilhom kelma! Minni ma jisimgħux, imma minnek, Lin, kelma ta' omm tasal fejn lanqas xebgħa ċinturin ma tasal! U ara x'qed ngħidlek, malli jidħol dak it-tifel tħallinix narah b'għajnejja! Jekk nerġa' nsibu hemm fuq jittanta 'l dik ix-xuxana, mhux daqqtejn intih! Mhux daqqtejn!… Issa billi toqgħod tnewwaħ? Billi toqgħod tnewwaħ? Tajjeb – mela agħmel int – agħmel int! Jien naħsel idejja minnhom! Naħsel idejja minnkom ilkoll! U wara tiġux tfittxuni lili! Wara jkun tard wisq – tard wisq qed tisimgħuni!

*Jerġa' bieb jinstabat.*

MARCO: U kien isabbat il-bieb tal-bitħa warajh u jmur jintefa' f'rokna jilgħab bil-kaktus… Kienet l-aħħar waħda li telqet minn did-dar iz-Zija Karm. L-ewwel jien… warajja oħti, imbagħad hi. Mary qatt ma qaltli għaliex kisritha miegħu… Baqgħet biss iz-Zija Karm tiegħu ħsiebu. Issaportiet hawn miegħu, imsakkar u mifni bil-għali… issaportietu ftit xhur oħra. Sa dik l-aħħar xenata... sakemm hi wkoll telqet u ħallietu waħdu... Ta' l-anqas, għandi nissopponi li waħdu kien…

IL-MISSIER: Waħdi kont.

MARCO: Però forsi qed nantiċipa xi ftit it-tmiem... Kif qed ngħid, kont jien l-ewwel li tlaqt… u kif jgħid il-Franċiż… *Après moi, le déluge.* Kont naf li l-pass li kont sa nieħu kien wieħed deċiżiv, però qatt ma stennejt il-katina ta' ġrajjiet li segwew b'tant konsegwenzi koroh, tant sogħba.

*Barra jberraq. Ħsejjes ta' xita li bdiet nieżla.*

MARCO: Hekk hu: *après moi, le déluge…*

## 7 Xena

MARCO *jmur jintasab bil-qiegħda fuq il-garżella taħt it-tieqa.*

ZIJA KARM *(minn barra) : Marco! Dik ix-xita?…*

MARCO: Iva! Ix-xita – u nieżla sa l-art!

*Pawsa, imbagħad bħal donnu ftakar xiħaġa, iqum bla wisq ħeġġa u jiddendel 'il barra mit-tieqa biex idaħħal xi ħwejjeġ li hemm minxurin.*

ZIJA KARM *(l-istess)*: *Dawk il-ħwejjeġ daħħalthom? Ara ma jerġgħux isiru għasra!*

MARCO: U daħħalthom – daħħalthom! *(huwa u jdaħħal)* Baqgħu xi ftit nedjin però…

ZIJA KARM: *Daħħalthom jew ma daħħalthomx? Ili ngħidlek minn dalgħodu!*

MARCO: U iva! *(jħares barra, 'il fuq)* Tgħid jafu dawk li qed ibexxex?

ZIJA KARM: *Xi jbexxex? Missierek?… Ħareġ hemm barra dak. Miġnun!*

*Tidħol iz-*ZIJA KARM*, il-biċċa ta' l-art f'idejha, u tmur lejn il-gallarija,*

ZIJA KARM: Biex imur jgħatti xi żerriegħa jew biċċa kaktus li trid għoxrin sena biex tagħmillek fjura tarah ħiereġ, imma ara tmur tgħidlu jdaħħallek xi liżar!

MARCO: Tgħid ta' min imur jgħidilhom?

ZIJA KARM: Lil min?

MARCO: Dawn, ta' faċċata… Għandhom l-inxir kollu barra.

ZIJA KARM: Min? *(tersaq tittawwal)* Eh dawk? Imisshom jistħu, kollox iperrċu barra... Mhux għax niskanta, ta…

MARCO: Għaliex? Taf min huma?

ZIJA KARM: Ma naf xejn. *(tiġbor il-ħwejjeġ li daħħal* MARCO*)* Għasra!

MARCO: Tgħid immur ngħidilhom?…

ZIJA KARM: Ma tmur xejn! Ara agħlaq dik it-tieqa. U dawk il-purtelli tal-gallarija – sa jkollna dilluvju hawn ġew minn hawn u ftit ieħor!

MARCO: Jien sejjer. ...Liem'hu l-bieb tagħhom?

ZIJA KARM: Ara ma jfettillekx! U ara qatt narak dieħel f'dak il-ħanut?

MARCO: X'ħanut?

ZIJA KARM: Għedtilkom – 'l hemm tersqux…

MARCO: Il-ħanut ta' Tona? Dik il-gallarija tagħhom? *(diġà beda riesaq lejn il-bieb)*

ZIJA KARM: Fejn sejjer? Ara tiċċaqlaq minn hawn!

*Ir-ragħad – ix-xita tiqliel*

MARCO: U issa nieħu l-umbrella!

ZIJA KARM: L-umbrella ħadha missierek hemm barra – biex joqgħod jindokra dak il-gozz xewk!

MARCO: U iwa, hemm ir-rejnkowt!

*Taħtfu minn spalltu u ma tħallihx joħroġ.*

ZIJA KARM: Għedtlek le!

MARCO: *(waqt ta' eżitazzjoni – imbagħad b'furja li qatt ma wera qabel magħha)* Ħallini! Issa sa tibda int? Mhux biżżejjed hemm dak? Int tindaħalx – m'intix ommi int… U anqas kieku!

IZ-ZIJA KARM *tibqa' mismuta, wieqfa zopptu.*

*Ix-xita…*

MARCO: 'Qas kieku! *(imma xi ftit tas-sogħba diġà ħakmitu)* U kieku stess, x'fiha ħażin? – Kieku stess irrid nara tfajla – inkellem tfajla?… X'inhu? Xi dnub mejjet, Zi? Paċenzja għandi 'l dak, qisu qroqqa… jew kelb ta' l-għassa! Lilek jonqosni. Għid; x'fiha ħażin billi niltaqa' ma' tfajla?

ZIJA KARM: Tfajla? Jew qaħba?

MARCO: X'qaħba? Naf – għalih it-tfajliet kollha qħab. Ħlief bintu ...u forsi kieku kien jaf...

ZIJA KARM: Jaf xiex?

MARCO: ...Xejn!...

ZIJA KARM: Kieku kien jaf xiex?...

MARCO :...Kollha qħab għalih, dak li naf!

ZIJA KARM: Le – mhux kollha. Imma dik iva.

MARCO: Xiex dik?

ZIJA KARM: Qaħba.

*Iberraq…*

TFAJLA: *(minn barra)* Qaħba oħtok! Ommok qaħba! Ja pufta…?! Int qaħba – mela jien! Ja qatta' mġienen! Għax ma teħduhx Frankuni? Intom qħab!… Morru ħuduh!!...

*Minn ġot-tieqa miftuħa naraw dieħla qasrija li titfarrak fl-art…*

TFAJLA: ...Ja qatta' mġienen!

*Tisbita ta' purtella ta' tieqa jew gallarija minn barra.…*

*Xi leħħa ta' berqa.*

*Pawsa.*

IZ-ZIJA KARM *tersaq lejn it-tieqa, iżda ma tissugrax tixref.*

MARCO *jersaq bil-mod jittawwal mit-tieqa. Iħares 'il fuq, imbagħad bil-mod, bla kliem, jagħlaq it-tieqa.*

MARCO: Kuntenti issa?

*Idur u jgħaddi minn ħdejn zitu bla aktar kliem u jmur ipoġġi fuq id-'deckchair'.*

IZ-ZIJA KARM *tersaq lejn it-tieqa, tiftaħ kemm kemm purtella waħda…*

*Ix-xita qed tbatti.*

MARCO: Ma niftakarx sew, però ma jidhirlix li wara dak inhar qattx erġajt smajt dik il-vuċi tkanta hemm barra... jew, jekk smajtha, kienet tilfet kull seħer. Għal xi żmien kont bqajt nittawwal, xi darba kultant, però milli jidher kienu sabu xi mkien ieħor fejn jonxru l-ħwejjeġ. Iz-zija?… Kont tlabtha skuża. Wara kollox, kienet hi l-unika omm li qatt niftakar li kelli.

IZ-ZIJA KARM *tersaq lejh, tieqaf quddiemu, tmellislu wiċċu.*

MARCO *jagħmel idu fuq idha biex ma jħallihiex, iżda hi tkompli tmellislu ħadddejh.*

*Fl-aħħar ipoġġi rasu ma' qalbha – waqt ta' għożża u sogħba.*

MARCO: Jiddispjaċini…

*Pawsa – jibqgħu hekk għal xi waqtiet.*

**8 Xena**

*L-istess poża, l-istess tgħanniqa, imma għadda ż-żmien: waqt ieħor ta' għożża bejniethom…*

ZIJA KARM: Tibżax, m'iniex sa ntik tort…

MARCO: Int taf, Zi, ma jistax ikun nibqgħu sejrin hekk... jien u oħti.

ZIJA KARM: Naf. Kemm xtaqt li ma konniex sa niġu għal dan. Kemm tlabt…

MARCO: Jeħtieġ li mmur, Zi. Ma jistax ikun.

ZIJA KARM: Naf. Mur... Imma bla xenati, fhimt?... Meta

beħsiebek?…

MARCO: Għada. Filgħodu.

ZIJA KARM: U ma kont sa tgħidlu xejn?

MARCO: X'ngħidlu? Xi tridni ngħidlu?… Tridni ngħidlu?

ZIJA KARM: Le. Tgħidlu xejn. Mur. Jekk għandek tmur, mur. Imma bla xenati – bla ġlied.

MARCO: M'għandi ebda ħajra għal ġlied… Għada filgħodu meta jkun fil-banjul-ewwel ħaġa li nagħmel nipprova niskarta u noħroġ il-bagoll fil-karozza…

ZIJA KARM: X'bagoll?

MARCO *jmur lejn il-garżella, jiftaħha u juriha l-bagoll.*

MARCO: Ilu ġimgħa hemm, ippakkjat, nistenna nsib l-okkazzjoni…

MARCO *jpoġġih lura fil-garżella.*

ZIJA KARM: Għax ma tmurx issa?

MARCO: Issa?

ZIJA KARM: Mur poġġi l-bagoll issa. Biex filgħodu kemm toħroġ bħas-soltu.

MARCO: Fejn hu?

ZIJA KARM: Mhux hemm barra, ilaqqam xi biċċa xewk?

MARCO *joħroġ u jniżżel il-bagoll fl-art.*

MARCO: Idea tajba kieku…

ZIJA KARM: …Stenn. Ħa mmur jien ħdejh, inżommu bil-kliem. Malli tarani ħriġt fil-bitħa, parpar 'il barra.

## 9 Xena

*Jogħla d-dawl fuq* IL-MISSIER *bil-qiegħda fis-sodda, attent josserva x'inhu għaddej bejn* MARCO *u* Z-ZIJA. *Għandu*

*pjanta tal-kaktus fuq il-friex ħdejh – iniggeż subgħajh b'xi werqa xewk.*

IL-MISSIER: Tradiment! *(isoff subgħajh)* Taħt l-istess saqaf tiegħek! Tradiment u konfoffi, Lin! Dak li tieħu ddaħħal il-barranin f'darek…

ZIJA KARM: *(iddur lejh)* U iskot int. Dejjem tikxef xturek quddiem in-nies!…

IZ-ZIJA KARM *tersaq lejh; minn taħt is-sodda tieħu xi pjanti tal-kaktus, titla' fuq is-siġġu u tnewwilhom lil* MISSIER *li jibda jpoġġihom waħda ħdejn l-oħra f'xifer is-sodda…*

*…Ix-xena fil-bitħa kif jiftakarha* MARCO.

IL-MISSIER: Ibusuli sormi n-nies!

ZIJA KARM: Basta tgħid għat-tfal! Agħar minnhom int!

IL-MISSIER: Mhux veru? Moħħok fin-nies!

ZIJA KARM: Le, in-nies moħħhom fina!

IL-MISSIER: Ħallina, Karm. Jekk noqgħod nieħu għan-nies… Mhux li ma tafhiex l-istorja tal-ħmar int.

ZIJA KARM: *(tħares lejn il-pjanti)* Kemm telgħu sbieħ, hux? *(tagħmel sinjal lil* MARCO *minn wara daharha biex joħroġ)*

IL-MISSIER: Eh, mela m'għadhomx gozz xewk niexef?

MARCO *jieħu l-bagoll u jimxi bih sal-kwinti fuq ix-xellug, imma jieqaf meta jasal fil-ġenb. Iniżżel il-bagoll fl-art, u jieqaf għal xi waqtiet, josserva x-xena bejniethom…*

*Tiġi t-*TIFLA *minn warajh u tieqaf ħdejh; hu jeħdilha id waħda f'idu – dalwaqt ħerġin flimkien.*

IL-MISSIER: *(iħares dritt lejh)* Tradiment – tradiment vili u faħxi!

ZIJA KARM: Kemm kibru sbieħ! Dawk int kont laqqamthom, hux? Kieku m'għedtlix 'qas qatt kont nobsor li l-kaktus jista' jitlaqqam!

IL-MISSIER: Mela ma jistax; għala le? / Imma jrid ikun ta' l-istess familja biex jitlaqqam fuq xulxin, pjanta fuq pjanta, inkella żiggi!

ZIJA KARM: Ta' l-istess familja – jiġifieri pjanta fuq pjanta?...

IL-MISSIER: Mela – kaktus fuq kaktus oħra bħalha. Hawn, per eżempju, ara . Din ewforbja, tagħrafha?...

ZIJA KARM: Ewforbja... Mela.

IL-MISSIER: Ewforbja fuq ewforbja, tarahom...

ZIJA KARM: Dik waħda imma qed nara...

IL-MISSIER: Issa iwa. Imma tnejn kienu meta laqqamthom... Waħda fuq l-oħra. U ara taħseb li faċli!

ZIJA KARM: Nista' naħseb!... U biex tlaqqam waħda titlef l-oħra allura...

IL-MISSIER: Hekk hu. Tissagrifika waħda biex l-oħra tgħix. Dik il-ħajja.

ZIJA KARM: U tgħid dak li ġejt nagħmel hawn, f'din id-dar jien, Pawl?

IL-MISSIER: Xiex?

ZIJA KARM: Għalhekk biss tajba jien? Biex nissagrifika ruħi?...

MARCO *jerfa' l-bagoll u joħroġ mat-*TIFLA *b'idha f'idu.*

IL-MISSIER: *(jaraħ ħiereġ – iħalli pjanta taqagħlu minn fuq is-sodda għall-art)* Tradiment! *(jarmi l-bqija tal-pjanti fl-art – jintefa d-dawl minn fuq is-sodda)* Tradiment faħxi! – Lina, fejn int? Fejn int, Lina tiegħi? Fejn mortli, Lin?... Kelli dritt jew ma kellix? Kelli jew ma kellix? Kelli jew ma kellix!!

## 10 Xena

*Dlam ċappa barra l-gallarija.*

*Dawl mgħajjeb fuq ix-xellug fejn hemm il-pjanti mxerrdin fl-art.*

IZ-ZIJA KARM *taqbad xkupa u tiknes u tnaddaf l-art.*

*Tidħol* MARY *mil-lemin b'lampa tal-pitrolju f'idejha u tmur tpoġġi mal-mejda fejn hemm radju transister goff u antik; ħdejh kuċiniera tal-pitrolju, xi Valor, mixgħula u fuqha stanjata bl-ilma qed tagħli.*

MARY *tgħolli l-volum tar-radju: kanzunetti ta' l-epoka…*

ZIJA KARM: Żommu baxx.

MARY: Mhux sa jismagħni. Għadu kif ħa xi kalmanti.

ZIJA KARM: Hekk qallek? Ara temmnu. 'Qas jieħu waħda li hi waħda.

MARY: It-tabib reġa' ordnahomlu.

ZIJA KARM: Eh – u hu remihomlu! Tgħidx kemm sa jikber kaktus b'dawk il-kalmanti kollha li rema fil-ħamrija!

MARY: Mar jimtedd imma…

*Tgħolli l-volum u ftit sekondi wara tintemm il-kazunetta.*

ANNOUNCER: Dan huwa Radju Malta li qed ixandar bi prova fuq frekwenza 998 Mhz fuq il-*Medium Wave…*

MARY *taqliblu l-istazzjon, tipprova għalxejn issib frekwenza oħra.*

ZIJA KARM: Basta radju nazzjonali. Ma tismax leħen li hu leħen. Mużika weħedhom.

MARY: Ta' l-anqas nisimgħu xiħaġa. Imn'alla jaħdem bil-battris.

ZIJA KARM: Qalu kemm sa jħalluna fid-dlam did-darba?

MARY: S'għada żgur.

ZIJA KARM: Issa tara! *(tqum)* Missierek żgur rieqed?

MARY: Rajtu jimtedd. Naħseb. Għada qal sa jmur ix-xogħol. Wegħedni.

ZIJA KARM: Issa tara.

MARY: Ilu jumejn li skadielu ċ-ċertifikat. Għada żgur jibagħtulu t-tabib.

ZIJA KARM: Issa naraw.

*Tqum u tersaq lejn il-bieb – tissemma', imbagħad tiġi lura.*

*Tpoġġi mal-mejda. Iddaħħal idha f'but tal-fardal u toħroġ karta. Tagħmel sinjal ma' xufftejha biex tantiċipa u ssikket kliem* MARY, *imbagħad tagħtiha l-ittra.*

ZIJA KARM: Aqra. Imma tgħajjatx.

MARY: Mingħandu?…

ZIJA KARM: Aqra, imma f'ġieħ kemm hemm, tgħajjatx.

MARY, *kemxejn beżgħana, tressaq l-ittra lejn il-lampa u taqraha. Wara ftit idejha jibdew jirtogħdu. Terġa' taqraha.*

*Titlaq l-ittra fuq il-mejda.*

MARY: Telaq mela.

ZIJA KARM: Kien qallek li sejjer…

MARY: L-Awstralja imma?… Telaq l-Awstralja!? Qalli sejjer Għawdex... u wara kellu jmur Ruma… wara tliet xhur. …L-Awstralja, Zi! Mar l-Awstralja! Issa żgur qatt ma jiġi lura. Qatt aktar, Zi!

*Fuq, fis-sodda, naraw* IL-MISSIER *iqum u jixgħel suffarina. Waqt li jkompli d-djalogu 'isfel' bejn* IZ-ZIJA *u* MARY, *jinżel kemxejn sturdut mis-sodda u jpoġġi fuq is-siġġu. Ikompli jixgħel suffarina wara suffarina u jissemma' dak li qed jgħidu…*

ZIJA KARM: Min jaf jiġix, Mar. Però, jekk trid, dejjem tista' tmur int ħdejh, meta jissetilja ftit. Qrajt x'qallek…

MARY: Xi qrajt? Li lest jgħini nsib xi sinjurun minn hemm? / Fejn jaf li ġa ksirnieha jien u Louis?

ZIJA KARM: Louis min?

MARY: Ma tafux… Ma nafx x'se jiġri minni, Zi. Għaliex qabad u ħallieni? X'se nagħmel issa hawn waħdi?

*Fil-gallarija hemm* IT-TIFLA *bil-qiegħda fuq 'rocking-horse'.*

*Jidħol* MARCO *bil-bagoll f'idejh. Hi tħares lejh – tistennieh. Jersaq lejha, iniżżel il-bagoll u jpoġġi fuq iż-żiemel.* IT-TIFLA *tersaq u tiġi tpoġġi f'ħoġru.* MARCO *jibda jbandal iż-żiemel.*

MARCO: *(ikanta)*

*Once a jolly swagman camped beside a billabong*
*Under the shade of a coolibah tree.*
*And he sang as he sat and waited while his billy boiled,*
*You'll come a Walzing Matilda with me.*
*Waltzing Matilda, Walzing Matilda*
*You'll come a walzting Matilda with me…*

MARY *tqum u tmur tbaxxi r-radju…*

MARCO: *(ikompli, leħnu jitbaxxa bil-mod il-mod: ir-radju qed jitbaxxa)*

*…And he sang as he sat and waited while his billy boiled,*
*you'll come a waltzing Matilda with me.*

*Pawsa.*

ZIJA KARM: Min ħallik? Da' Louis min hu?

MARY: Mhux Louis, Zi! Marco! Kollu tort tiegħu! X'nagħmlu issa jekk il-Pa jitlef ix-xogħol, jekk ikeċċuh?

ZIJA KARM: U xi jkeċċuh…

MARY: Ħa jibqa' sejjer hekk, iktar ifalli milli jmur! Jien ili ġimgħa ma mmur għall-*ballet*… Però jagħmel x'jagħmel għada

sejra, Zi! M'għamiltx tnax-il sena studju għal xejn! Ġimagħtejn oħra l-eżami!

ZIJA KARM: Għada mur int. Tibżax. Għada... għada nieħu ħsieb jien.

MARY: X'tgħidlu? X'tagħmel?

ZIJA KARM: Ma nafx.

MARY: U jekk jagħmel xi waħda minn tiegħu meta ma jsibnix hawn?

ZIJA KARM: Tibżax, nieħu ħsieb jien.

MARY: Veru m'għadux b'saħħtu bħal qabel, però jekk titlagħlu t-tempra, waħdek m'intix sa żżommu… Kultant – kultant ibeżżagħni…

ZIJA KARM: *(deċiża)* Irridek tmur. Nieħu ħsieb jien, tibżax.

MARY: Żgura? Għada l-Erbgħa…

*Pawsa.*

ZIJA KARM: Diġà l-Erbgħa?…

*Pawsa.*

MARY: Ma jimpurtax… Hekk jew hekk, x'nagħmel billi ngħaddi mill-eżami? X'jiswew l-eżamijiet!? Aktar hemm ċans idaħħluni naħdem f'xi Korp sejra, milli f'xi *ballet*!

ZIJA KARM: Le. Għada rridek tmur għedtlek…

MARY: U inti?

ZIJA KARM: Għada m'iniex sejra.

MARY: Le, Zi – m'hemmx għalfejn. 'Qas ħaqq. Qatt ma tlift waħda…

ZIJA KARM: Għedtlek le. Dik affarija! Jekk hemm bżonn… jekk hemm bżonn ma mmurx aktar.

IL-MISSIER, *maħsud, jitfi s-suffarina li għandu f'idu u ma jixgħelx oħra…*

MARY: Kollu tort ta' Marco! Basta telaq hu! Basta ħeles hu!

ZIJA KARM: Le, m'hu tort tiegħu xejn. ...U lanqas tort ta' missierek. X'taħseb li sa jsib ħuk, hemmhekk – xi festa? Kulħadd lest biex jilqgħu bil-banda? Kultant... kultant l-affarijiet jiġru għax hekk kellu jkun, Mary. M'hu tort ta' ħadd. Kulħadd xortih fid-dinja. Darba... Kont taf li darba ommok u missierek kienu sejrin l-Awstralja?

MARY: Meta?

ZIJA KARM: Ftit wara li żżewġu. Missierek kien ilu żmien bla xogħol wara li spiċċa mis-Servizz. Ried jemigra – nofs Malta kellha temigra dak iż-żmien, jekk niġu f'dan – imma ħadd veru ma ried imur. Imma hu iva – hu veru ried imur, jitlaq, għall-avventura!

MARY: Missieri – għall-avventura!

ZIJA KARM: Iva – missierek. Kellu kuraġġ ta' sur. Dak iż-żmien ridt tarah. Kien xort'oħra dak iż-żmien. Kulmin kien jafu kien jirrispettah. Allavolja mingħajr xogħol, ma kienx jidħol il-każin li ma jdurux madwaru u jqajjem briju liema bħalu. U kieku taf kemm ġrew tfajliet warajh – u mhux biss qabel iżżewweġ lil Lina... Dak iż-żmien ridt tarah... L-ewwel darba li rajtu jien kien għadu bl-uniformi tat-Territorials... *(tieqaf)*

MARY: Min kien rah l-ewwel int... jew il-Mama?

*Pawsa*

ZIJA KARM: Jien. Iżda meta laqqgħuna mbagħad... *(tieqaf)* Konna nqbadna Malta meta ma ħadimx il-vapur – konna ġejna niġbru xi ċertifikati l-Belt... Imma jien kont li rajtu l-ewwel waħda. Kien dieħel għand tar-ritratti. Wara sirna nafu li mar biex jagħmel ritratt għall-passaport... Wara mbagħad, wara li tgħarrsu... wara ma tkellimnix aktar dwar safar imbagħad. U mbagħad sab ix-xogħol...

MARY: U addijo avventura.

ZIJA KARM: Ommok ma reditx. Kienu waslu biex… Imma fl-aħħar ma reditx tmurlu.

MARY: Taħseb li minħabba f'hekk li wara sar kif sar?

ZIJA KARM: Hi… hi kienet akbar minni. Bilkemm sena…

MARY: Dejjem jgħidu kontu qiskom tewmien.

ZIJA KARM: Lina kienet il-kbira imma. Għalhekk… kellha tiżżewweġ qabli. 'Qas kieku ridt… L-ewwel id-dota tagħha. / Jien – jien kont rajtu l-ewwel imma.

*F'daqqa waħda jiġi d-dawl.*

ZIJA KARM: Sa fl-aħħar! *(tersaq u titfi l-lampa tal-pitrolju)*

*Fuq, fil-kamra tal-*MISSIER*, hekk kif ġie lura d-dawl insibuh bil-qiegħda fuq is-siġġu, rasu mgħaddsa bejn idejh…*

*Wara ftit jgħolli rasu u hekk kif jinduna li m'għadhomx jitkellmu fuqu, jitla' bi tbatija lura fis-sodda.*

IZ-ZIJA *tmur iġġib l-ixkupa u tkompli tiknes fis-skiet.*

MARY *terġa' tieħu f'idejha l-ittra ta' ħuha u taqraha.*

MARY: Nh ar it-Tnejn telaq... Tgħid wasal bħalissa?

ZIJA KARM: Ma nafx – probabbli le. Idumu sejrin.

MARY: Min jaf fejn hu? Għaliex ma qallix? Għaliex ma qallix immur miegħu?

*Id-dwal jintfew minn fuqhom.*

## 11 XENA

*Jogħla d-dawl fil-gallarija.*

MARCO *għadu fuq iż-żiemel, bil-qiegħda bla ma jiċċaqlaq bil-bagoll ħdejh bl-għatu miftuħ.* IT-TIFLA *imma m'għadhiex hemm.*

MARCO: *(ikanta)*

*Up rode the squatter, mounted on his thoroughbred*

*Down came the troopers, One two three.*

*"Where's that jolly jumpbuck you've got in your tuckerbag?*

*You'll come a waltzing Matilda with me..."*

Jiena u l-ħabiba tiegħi Matilda dornieha kollha kemm hi l-Awstralja... *Jumpbuck, tuckerbag,* 'qas tkun taf l-Ingliż ma tifhimhom kultant... *Jumpbuck* hija nagħġa...*tuckerbag*, ħorġa... U din *(il-bagoll)* Matilda, il-ħorġa tiegħi... Biha tlaqt, u meta ġejt lura, kienet għadha għandi. U biha ġejt.

*Jitbaxxa u minn ġol-bagoll joħroġ kemm kemm juriha l-bandiera Awstraljana. M'hix xi bandiera kbira.*

MARCO: Kont naħseb li meta niġi lura Malta nsib xi okkażjoni ndendilha hemm barra kultant, min jaf? Meta mbagħad rajt id-daqs enormi ta' ċerti bnadar li jiddendlu fuq il-bjut ta' gżiritna llum, tlift xi ftit is-sens ta' proporzjon – bħal ma mdorrijin nitilfuh ilkoll kemm aħna wara kollox.

*Jitlaq il-bandiera lura fil-bagoll – jitbaxxa biex jagħlqu imma jsib in-'notebook' isfar. Jagħlaq il-bagoll u jqum minn fuq iż-żiemel, in-'notebook' f'idejh.*

IL-MISSIER *jinsab taħt il-friex sa qaddu, dahru mistrieħ mat-tistiera; ħdejh hemm komodina mdendla fl-arja maġenb is-sodda – fuq il-komodina xi żewġ vażetti bil-pilloli u xi mistura.*

IL-MISSIER: *(jgħodd il-pilloli ġo)* Wieħed u għoxrin, tnejn u għoxrin, tlieta u għoxrin... *(jieqaf)* Jonqos waħda. *(ifittex fil-friex)* Bdejthom nhar it-Tnejn... le it-Tlieta... u jekk ħadt tnejn kuljum... *(jara x'hemm miktub fuq il-vażett)* Tnejn: waħda filgħodu u oħra filgħaxija. Jekk ili minn nhar it-Tnejn u ħadt tnejn kuljum... / X'inhu llum?...

MARCO: Is-sens ta' proporzjon – u s-sens tar-realtà. Hawnhekk

ukoll. / Kont teħodhom il-pilloli li jtuk, jew ma kontx, għidli l-verità?

IL-MISSIER: *(sab il-pillola)*…Erbgħa u għoxrin! *(jitfagħha f'ħalqu u jiblagħha)* Trid taf kontx neħodhom? U int issa trid tkun taf? Meta ma kien baqa' ħadd hawn ġew, meta kulħadd qabad u telaq – u int l-ewwel wieħed! – kien xi ħadd jimpurtah kontx neħodhom jew le? Kien xi ħadd jiġi jgħoddli kemm ħadt pilloli, u liema, jew meta, ħadthom? Kienu jistaqsuni meta jiġu jżuruni kemm qed nieħu jew ma neħux?

MARCO: Kieku ħallejtna, kieku mqar ippruvajt tgħix man-nies bħan-nies…

IL-MISSIER: Ngħix man-nies! Għaliex? Ma' min mort tgħix int, ma' l-Awstraljani? Hemm biss hemm nies? X'konna aħna, annimali? Kangaruni!

MARCO: Mort ngħix magħhom, iva. Bħalma darba ridt tmur tgħix magħhom int.

IL-MISSIER: Meta ridt immur jien… dak iż-żmien...

*Jieqaf. Jieħu flixkun pilloli ieħor minn fuq il-komodina, jiftħu u jibla' xi żewġ pilloli. Jixrob.*

IL-MISSIER: Dik storja oħra – żmien ieħor. Dak iż-żmien ma konniex insiefru biex naħarbu l-verità. Ma konniex insiefru b'kapriċċ!

MARCO: Kapriċċ! Kapriċċ issejjaħlu? X'kien hawn dak iż-żmien li jżommni hawn – f'dil-ġenna ta' l-art! – għajr ġlied, għira u piki?…

IL-MISSIER: U x'hawn issa – għajr ġlied, għira u piki? Għalfejn ġejt lura?

MARCO: *(taqbiżlu)* Mhux jien ridt niġi… *(Jieqaf. Jiftaħ il-ktejjeb isfar – iqalleb il-folji)*

IL-MISSIER: Eh, le? Mela min?

MARCO: Li kien għalija…

IL-MISSIER: Xiex li kien għalik?

MARCO: Forsi kien żball.

IL-MISSIER: Żball… li mort, jew li ġejt?

MARCO: Għall-bidu, l-ewwel snin li kont hemm, kont nikteb ta' spiss: memorji, tifkiriet, ritratti bil-kliem… U wara, kultant naqrahom, inġedded xi ftit it-tifkiriet… Sakemm jum wieħed, ma nafx sew meta…

IL-MISSIER: Meta mort lura – wara li kont ilek tmien snin nieqes – wara li ġejt hawn, għall-funeral tiegħi…

MARCO: Wara li għamilt xahar hawn mort lura. U ma ktibt xejn aktar. Għaddew is-snin, u meta erġajt ftaħtu sibt li dawk it-tifkiriet kollha, dawk ir-ritratti kollha bil-kliem, ma bqajtx aktar nista' nagħrafhom…

IL-MISSIER: U issa ġejt lura biex tara x'kien sar minnhom – x'fadal minnhom, dawk it-tifkiriet...

MARCO: *(bl-amment – m'hemmx għalfejn jaqra)* 'Xemx tisreġ, toroq bojod, dojoq, maħsula bix-xemx. L-eqqel ta' wara nofs inhar sajfi. Barra, madwar il-knisja fuq iz-zuntier ma tarax ruħ..." Imma hawn ġew, hawn ġew iva; l-erwieħ kollha tal-purgatorju hawn ġew. Dak li forsi ma stajtx niftakar… U dak ix-"Xi ħadd ieħor, faċċata taħt il-ħasira, moħbi wara l-persjani, jittawwal 'il barra hu wkoll..." dak ta' l-anqas naħseb issa naf min kien... Kont jien... u kont int. U kien kulħadd. Pezza waħda. Razza waħda.

IL-MISSIER: Kont ngħidlek: Malta sabiħa…

MARCO : …Basta tneħħi l-Maltin minn ġo fiha.

IL-MISSIER: U l-Għawdxin.

TINA *tidħol mil-lemin. Liebsa libsa ħafifa tas-sajf u nuċċali tax-xemx; għandha xi erbgħin sena imma tidher ferm aktar*

*żagħżugħa.*

*Tpoġġi borża tal-plastik fuq il-mejda u tmur dritt lejn il-gallarija u tibda ttella' l-ħasira.*

TINA: *Isn't it gorgeous!* Ta' l-għaġeb – xemx bħal din u żżommu kullimkien magħluq. Dan ġenn!

MARCO *jersaq lejha biex ma jħallihiex.*

IL-MISSIER *jaħtaf u jitgħatta malajr bil-friex hekk kif jibda dieħel fuqu d-dawl minn barra.*

IL-MISSIER*:* Oj! Għidilha titlaqha dik il-ħasira! Dik tatha f'għajnejha?

MARCO: Le – ħalliha, Tina!

TINA: Kif ħalliha? Dix-xemx kollha u hawn ġew qisu ċimiterju!

MARCO: Naf. Imma għalissa ħalliha.

TINA: X'kont qed tagħmel hawn fuq; ilek siegħa? Hemm, ara dak il-*coffee-pot* – ara tibdillux il-plagg. Inkredibbli; kulma tixtri ta' l-elettriku trid dejjem tibdel il-plagg hawn! Kif xejn m'hu *standard* hawn!

MARCO: Ħaġa żgħira – issa nibdlu...

TINA: Ħaġa żgħira! Għalik imma – hawn fuq! Ma tafx x'hemm x'tagħmel hemm isfel, hux? Għadni bilkemm ftaħt nofs tużżana kaxex u l-kċina diġà m'hemmx fejn tagħti pass. *(tressaq id-'deckchair' aktar għax-xemx fil-gallarija u tpoġġi)* U Tanja u Martin mank jagħtu daqqa t'id hawn ġew. Moħħhom biss f'hemm barra...

MARCO: Fejn mar? Int ħallejtu jeħodha l-karozza?

TINA: Mela min?

*Tintelaq lura fuq id-'deckchair', wiċċha għax-xemx.*

MARCO *jpoġġi bil-qiegħda mal-mejda, joħrog kitla ġdida tal-kafè mill-borża tal-plastik u jibda jibdel il-plagg.*

TINA: Xi tridu jibqa' jagħmel ikkakkmat hawn la int ma tħallih imiss xejn jekk ma jgħidlekx qabel? Bgħattu jara jsibx jixtri xi xkupi u erba' bramel ta' l-anqas!

MARCO: U Tanja? X'inhi tagħmel?

TINA: Ħarġet fil-ġnien.

IL-MISSIER: Iva għidilha tagħlaq dik il-ħasira! Sa tagħmlu jikwi infern das-saqqu!

TINA: Ġa mliet ma nafx kemm-il borża mbarazz u ħaxix ħażin minn ħdejn il-bir. Tridek tinżel u toħroġhom fuq il-bankina.

MARCO: Issa nieżel.

IL-MISSIER *jinżel mis-sodda u jersaq lejn* MARCO *mal-mejda.*

IL-MISSIER: X'inhi tmissli dik minn ħdejn il-bir? X'inhi tarmi?

MARCO: Xejn; m'hemm xejn minn tiegħek, tibżax...

TINA *(bla ma tgħolli rasha) Pardon?* Xiex tiegħi?

IL-MISSIER: *(jgħajjeb) Pardon!*

MARCO: Xejn. *(apposta) Just thinking, honey...*

TINA: Jien sa nistrieħ ħames minuti – nieħu lagħqa xemx! Għax ma tiġix hawn ħdejja – u ħallik mill-ħsibijiet.

MARCO: Issa niġi.

TINA: Għamilt *tuna salad* u ftit *iced tea. (titniegħes)* Meta trid nieklu.

MARCO: *Thanks.*

IL-MISSIER: *Tuna salad* u *iced-tea*! Huwa sibt koka wkoll!

MARCO: Le, xi soppa ta' l-armla nkun irrid!

TINA: *(l-istess)* Taf li ma nafx nagħmilha, ħanini!

IL-MISSIER: Allura trid tgħidli li ġejjin toqogħdu hawn? Ma sibtux xi *penthouse* Paceville? Jew xi villa bis-*swimming-pool*?

MARCO: Sibna. Imma kollox għali infern. U kieku stess irridu naraw kif sa jizzettaw it-tfal l-ewwel.

IL-MISSIER: It-tfal imorru fejn imorru l-ġenituri…

MARCO *jieqaf milli kien qed jagħmel. Itih ħarsa.*

IL-MISSIER: Xiex?

MARCO *jxengel rasu u jiddeċiedi li ma jweġbux. Idur lura fuq xogħlu.*

IL-MISSIER: Għaliex? Kemm għandhom żmien issa?

MARCO: Il-kbir tmintax, iz-żgħira sittax sa tagħlaqhom. Martin sa jtiha għall-istudji diplomatiċi. Tanja għadha ma tafx. Probabbli mhix sa tibqa' hawn…

IL-MISSIER: Ma tibqax hawn x'jiġifieri? Fejn sejra?

MARCO: Brisbane. Għandha l-*boyfriend* hemm.

IL-MISSIER: *Boyfriend*?…Ta' sittax-il sena! Mela qed tiġġennu? *Xi ħoss ta' murtall jew tnejn ifaqqgħu barra, fil-bogħod.*

MARCO: B'daqshekk? Hekk jew hekk hawnhekk ma taf lil ħadd – u hemmhekk – hemmhekk għandha ħbieb kemm trid. Sa jkollha skolarxip żgur għall-università.

IL-MISSIER: Allura; sa tħalluha tmur lura weħedha?

MARCO: Hemm nies il-mara hemm – m'hix sa tgħix mal-barranin!

IL-MISSIER: Nies il-mara! Qraba? Daqs kemm issibom il-qraba ħej meta jkollok bżonnhom… sa tafda laħmek u demmek magħhom? U bil-*boyfriend* ma' djulha wkoll! Af li veru ġenn! Dan ġenn!

MARCO: M'hu ġenn xejn. Int ma tifhimx – l-affarijiet inbidlu…

IL-MISSIER: …Jew daqs kemm sibthom jien.

MARCO: Xiex?

IL-MISSIER: Il-qraba.

MARCO: Int barrejthom…

IL-MISSIER: U daqs kemm sibt lill-istess laħmi u demmi… Daqs kemm sibt lilek.

MARCO: U tort ta' min, eh, mhux tort tiegħek!

IL-MISSIER: Int qbadt u tlaqt! Minn dak inhar li kollox inqaleb ta' taħt fuq hawn ġew…

MARCO: Kien ilu ta' taħt fuq…

IL-MISSIER: Kollox iġġarraf – 'qas kieku splodew bomba atomika…

MARCO: Il-bomba mhux jien kont...

IL-MISSIER: Mela min – jien?

MARCO: Jekk jien kont il-bomba… int kont il-miċċa!

*Jinstemgħu f'daqqa waħda ħsejjes itarxu ta' logħob tan-nar, issa viċin sew.*

TINA: *(kważi taqa' mid-'deckchair' bil-ħasda) Holy Mary Mother of God! What's that?…*

MARCO *jersaq lejha u jgħinha tqum.*

MARCO: Xejn; xi kaxxa tan-nar. Weġġajt?

TINA: Le – rasi splodiet imma!

IL-MISSIER: X'ġara? X'inhu dal-paniku kollu?

MARCO: Xejn! Mela trux issa?

IL-MISSIER: Trux int!

TINA: Trux? Issa vera ttarraxt kieku! Tgħidlix li ġa bdew bil-festa?

MARCO: Le, probabbli beda t-Tridu jew x'jgħidulu.

TINA: Xi tridu? X'jgħidulu?

IL-MISSIER: Xi tridu – x'kaxxa tan-nar?

TINA: *(tieħu l-kitla mill-mejda) …Bye bye* paċi milli jidher! Ara

sa ninżel isfel nagħmel te. / Ġej tiekol?

MARCO: Ġej dalwaqt. Ħames minuti…

IL-MISSIER: Għamilli wieħed! Bil-ħalib!

TINA: Iddumx *(tagħti lil* MARCO *bewsa fuq ġbinu)*

IL-MISSIER: …Tal-bott!

TINA: U oħroġ ftit għax-xemx. Għandek bżonnha, tinsiex? …Imma ilbes il-*polaroids*!

*Toħroġ.*

## 12 Xena

MARCO *jmur lejn il-gallarija u jiġbor id-'deckchair' u jerġa' jwaqqfu fuq saqajh. Imma wara ftit bħal donnu jerġa' jibdielu, jagħlaq id-'deckchair' u jidħol ipoġġih ġewwa mal-ħajt.*

IT-TIFLA, *tinsab fuq is-sodda, b'borża mimlija karti kkuluriti mqattgħin f'idejha.*

*Is-sodda issa bħal donnha tidher aktar fil-għoli minn qabel…*

IL-MISSIER: *(imur lura lejn is-sodda)* Ħadd ma jistaqsi lili x'għandi bżonn jien. Alabiebhom x'għandi bżonn jien.

MARCO: *(jieqaf għal waqt wieħed – ixammem)* Ir-riħ 'l hawn ġej… Dik ir-riħa – qed ixxommha? – Kont insejtha dik ir-riħa!

IL-MISSIER: Kieku xi ħadd jiġi jbiddillek liżar! X'tistenna? M'għandi ebda qaħba jien min tagħmilli l-*laundry*!

MARCO: Riħa ta'… kubrit. Qed ixxommha?

IL-MISSIER: X'kubrit? Mela tlaqt xi waħda int?

MARCO: Tan-nar… tal-porvli; m'intix ixxommhom?

IL-MISSIER: X'ixxommhom! U ngħid jien dal-porvli?… / Dak li semgħet dik l-ewwel? Għalhekk waqgħet għal sormha?

MARCO: Għaliex, int ma smajthomx?

IL-MISSIER: Xiex? *(imbagħad…)* U mela ma smajthomx!

*Wieqaf ħdejn is-sodda fil-għoli – jinduna li ma jistax jerġa' jitla' kif ġib u laħaq.*

MARCO: Il-kaxxa tan-nar – smajtha?

IL-MISSIER: Isma' x'qallek? Jien forsi mejjet, imma trux m'iniex!

MARCO: U lanqas mutu… b'xorti ħażina.

MARCO *jersaq u jibda jtih daqqa t'id jerġa' jitla' fuq is-sodda…*

IL-MISSIER: Aktar kont trux meta kont ħaj milli jien mejjet!

MARCO: …Dik il-ħasra!

*Ifaqqa' qrib murtal qawwi – bomba tal-ġelatina.*

MARCO *jitlaq lil* MISSIER*u li kien kważi wasal biex jitla' fuq is-sodda u jħallih imdendel hemm…*

IT-TIFLA *twerżaq bil-ferħ, tgħolli l-karti u xxerridhom għal isfel, donnha qed titfagħhom fuq il-marċ għaddej…*

MARCO: Il-Kristjelejs! Sa jdamdmuna milli jidher dis-sena. *(joħroġ jittawwal fil-gallarija)*

IL-MISSIER: *(ma sema' xejn)* Min?… Iva ejj'agħti daqqa t'id! *(jixxabat waħdu sa ma sa fl-aħħar jirnexxielu jitla' fuq is-sodda)*

MARCO: Tgħid mhux ta' Fuq.

IL-MISSIER: Ta' fuq min?

MARCO: Il-każin – ta' Fuq. T'Isfel m'hux żgur. Id-duħħan minn hemm ġej… (*jieqaf – idur lura 'l ġewwa. Jersaq iħares lejn* MISSIER*u. Jistenna)*

IL-MISSIER: *(ifarfar għal isfel il-karti li* T-TIFLA *xerrdet fuq il-friex)* X'ġaralek? X'int tħares?

MARCO: Ma smajthiex, hux veru?

IL-MISSIER: *(pawsa)* Ma smajtx ras ommok!

*Pawsa.*

MARCO: Le – dik jien ma kontx nismagħha.

IL-MISSIER: X'int tgħid?

MARCO: Lilha – lilha int biss kont tismagħha. Għid il-verità – veru kont tismagħha?

IL-MISSIER: Murtal – tal-ġelatina le? Daż-żgur li smajtha!

*Jibda jinstema' marċ trijonfali tal-festa, 'il bogħod imma dejjem joqrob... Minn ħin għall-ieħor* IT-TIFLA *titfa' aktar karti.*

IL-MISSIER: Dawk dejjem jibdew kmieni, dejjem jesaġeraw... Ħalli għalihom! Għax dawk – dawk kellhom min iġewwishom – dejjem kellhom xi jberbqu! Ara aħna – aħna konna l-ewwel li għamilna ġabra għall-Missjoni flok infaqniehom nar! Imma x'għamlu huma? Irduppjaw is-somma għall-Missjoni ... u xorta għamlu kemm Alla ħalaq nar! Tiftakarha? Dik riħa ta' kubrit! Dik xita ta' nar li niżlet! U Ċensu taż-Żebgħa... tiftakru Ċensu taż-Żebgħa? ...Kif ħa n-nar il-ħanut? U sakemm waslu l-pulizija u l-*firengine* inħarqu nofs il-pavaljuni ta' Strada Rjali u tlifna tliet anġli u żewġ bandalori!... Tiftakar?

MARCO: Niftakar.

*Imur lejn is-sodda u jniżżel* IT-TIFLA *minn hemm fuq. Hi pronta tiġri madwar saqajh tiġbor il-karti u titfagħhomlu fil-but.*

IL-MISSIER: Dik il-gallarija sewda faħma għamluhielna! Biex imbagħad waħħlu f'dak il-povru tal-*hot dogs...*

*Barra l-gallarija: effett tad-dawl: ileħħu xi fjammi tan-nar, duħħan iswed...*

MARCO: Għax kellu l-elettriku tat-trakk imqabbad għand Ċensu, ġewwa l-ħanut.

IL-MISSIER: Mela! U f'xi ħadd dejjem isibu f'min iwaħħlu kieku!

Basta mhux huma!

MARCO: Kienet l-għaxqa tiegħi nimxu wara l-marċ, saqajja jgħumu f'dawk il-karti kollha kkuluriti li tefgħu – u niġbru u nissuttaw bihom!

IT-TIFLA *tissuttah...*

IL-MISSIER: *(meżmerizzat – ħarstu fuq il-gallarija taqbad)* Mhux dik is-sena imma – dik is-sena rmied u ilma iswed igelgel taħt il-bankini u ma' kullimkien!

*Jerġa' jibda nieżel mis-sodda, għajnejh dejjem fuq il-gallarija.*

MARCO: U saqajja mgermda u mxarrba sa rkubbtejja! U l-kalzetti ta' Mary għasra u jintnu seba' pesti! U kif dħalna d-dar iz-Zija Karm kważi ħassha ħażin malli ratna...

IL-MISSIER: U ommkom bejn trid twerżaq u bejn tibki bil-ferħ tarakom ġejjin lura qawwijin u sħaħ...

MARCO: Kienet ferħana sa ttir. Qatt ma rajtha daqshekk ferħana... *(jieqaf)*

*Pawsa.*

IL-MISSIER: Qatt ma rajtha daqshekk ferħana... / Tiftakar? Hux tiftakar int ukoll, Marco?

MARCO: Niftakar...

IL-MISSIER: Hemm kienet

MARCO: ...imma ma jistax ikun.

IL-MISSIER: ...Imma tiftakar! Daqs li kieku jista', jew seta' jkun.

MARCO: Le.

IL-MISSIER: Iva, mhux le, Marco – iva. Hemm kienet. Dejjem magħkom. Dejjem hemm kienet. Tiftakar? *(idur lejn ix-xellug tal-palk)* Hemm... Ftakar, Marco.

*Id-dawl fuq il-mejda u s-siġġijiet:*

IZ-ZIJA KARM – *jew mara li tixbah liz-Zija Karm – liebsa*

*tal-festa, qiegħda bil-qiegħda tferra' t-te.*

IT-TIFLA *tfarfar idejha mill-ħmieġ tal-karti u tmur kwieta kwieta tpoġġi ħdejha.*

*Tieħu t-Tork li hemm fuq siġġu ieħor u tpoġġih f'ħoġorha. Tħares lejn* MARCO *u toħroġ idejha lejh, tistiednu jiġi jpoġġi.*

IL-MISSIER *jersaq lejn* MARCO, *wieqaf iħares lejn id-dehra mal-mejda.*

IL-MISSIER: Ejja, Marco. *(jeħodlu idu f'idu – qisu qed jieħu id tifel żgħir)* Ħsilthom idejk? Ejja…

IL-MISSIER *u* MARCO *jpoġġu mal-mejda.*

IT-TIFLA: Hux veru nista' nżommu t-Tork, Ma?

IL-MARA' *titbissen lejn* MARCO, *tmelles id* IT-TIFLA.

IL-MISSIER: Ejja nieklu. Fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Amen.

IT-TIFLA: Amen.

IL-MISSIER: Bierek Mulej dan l-ikel li aħna sejrin nieklu *(jħares lejn ibnu…)* u li għoġbok tagħtina…

MARCO: U li għoġbok tagħtina …

IL-MISSIER: Bi Kristu Sidna.

MARCO: Bi Kristu Sidna

IL-MISSIER: Amen.

MARCO: Amen.

IT-TIFLA: Amen!… Pa, hux mhux veru hawn il-ħares f'did-dar?

TMIEM IT-TIENI ATT

## IT-TIELET ATT

### 1 Xena

*L-istess xena.*

*Xi żmien wara.*

*Il-gallarija hija miftuħa; madwar it-tieqa fuq il-lemin hemm imdendlin par purtieri ġodda waqt li fuq il-ħoġor hemm xi ġeranji ħomor u bojod.*

*Fuq il-lemin, sodda ta' tnejn, mifruxa bla mittiefsa.*

*Ħdejn il-gallarija, bil-qiegħda mal-mejda ssettjata għall-brekfast, hemm* TINA *u* MARCO*.* TINA*, liebsa biex toħroġ għax-xogħol, qed tagħmel it-towst bil-butir u tferra' l-kafe.*

MARCO *għadu jqum u liebes paġama tas-sajf u papoċċ, gazzetta kbira barranija tgħattih minn rasu sa qaddu; għandu siequ fuq is-siġġu l-ieħor (fejn l-aħħar li rajnieh kien hemm* IL-MISSIER*).*

*Ħdejh, fl-art fejn jista' jilħqu b'idejh bla ma jqum, hemm CD plejer li minnu tinstema' l-kanzunetta ta' Modugno "Il Vecchio Frack".*

MARCO: *(ikanta magħha minn wara l-gazzetta) Adieu-Adieu / Adieu-Adieu vecchio mondo...*

TINA: Tidher bdejt tieħu r-ruħ; qed tagħmillek tajjeb ix-xemx. Però idejk bdew jitkemmxu ġmielhom – speċjalment din *(il-leminija).*

MARCO: *Taral-la-la…*

TINA: Forsi għax tħalliha barra mit-tieqa meta tkun qed issuq.

MARCO: Probabbli. …*Taral-la-la.*

TINA: Ibda għamlilha s-*sunscreen. (tersaq u titfilu s-CD)* Dik ix-

xemx toqtlok.

MARCO: *Sunscreen* fuq id waħda?

TINA: La ma tridx tagħmilha fuq l-oħra! Ara kif saret qisha parċmina! Dak driegħ ta' xiħ!

MARCO: *(iniżżel il-gazzetta, iħares lejn driegħu)* Dejjem hekk kienet.

TINA: Dejjem xejn! Jien ma żżewwiġtx xiħ!

*Toħroġ ingwent, sunscreen, mill-'handbag' u tidliklu idu. Hu jħalliha tagħmel, iħares lejha paxxut.*

TINA: X'int tħares?

MARCO: Lejn wiċċek il-qares.

TINA: X'jiġifieri?

MARCO: Il-festa bil-bandieri!

TINA: Burdata dalgħodu int hux?

MARCO: *Sorry!*

TINA: *(tkompli tidlek)* Ħlomt bih dal-lejl?

MARCO: Kieku ħlomt bih qed inkanta?

TINA: Għaddew tlett ijiem…

MARCO: Hekk hu. *(iqum – itiha bewsa fuq ġbinha)*

TINA: Kif sibtek – torqod fid-*deckchair*?

MARCO: U hekk… Ħażin. Irqadt fl-art, fuq is-saqqu fil-gallarija.

TINA: Ma mmissjajtnix?

MARCO: Ħafna.

TINA: Qed tigdeb. *(tqum u tidħol hi ukoll mill-gallarija)*

MARCO: L-aqwa li ma ħlomtx… Ghalkemm għaddew xi żewġ wirdiniet minn fuqi, ngħidlek is-sew.

TINA: Il-lejla allura?… Trid norqdu hawn fuq?

MARCO *jħares madwaru, donnu biex jiżgura ruħu li qegħdin*

*weħedhom.*

MARCO: *(wara xi waqtiet)* Għaliex le?

TINA: Dik… tistaqsihiex lili. / Però qed nieħu gost.

MARCO *jmur lejn il-garżella taħt it-tieqa.*

TINA: X'se tagħmel dalgħodu? Jien għandi sas-siegħa u nofs żgur illum. Hemm grupp minn Strasburg sa nitilgħu magħhom sa l-Imdina, imbagħad nieklu xiħaġa s-Selmun.

MARCO: *(joħroġ kompjuter laptop mill-garżella)* Probabbli nibda nikteb xiħaġa.

TINA: Bl-Ingliż?…

MARCO: Bil-Malti *(imur ipoġġi fuq is-sodda mifruxa, jistira saqajh fuq il-friex)*

TINA: *Good luck.*

MARCO: Aħjar tgħidli *break a leg.*

TINA: *Break two then! (ittih bewsa) Ciao, bello!*

MARCO: Oh, u ġibli l-gazzetta ta' llum jekk tiftakar.

TINA: Bil-Malti?

MARCO: Bl-Ingliż!

*Tniżżillu saqajh minn fuq il-lożor indaf. Twarrab il-liżar, tneħħilu l-papoċċ u terġa' ttellagħlu saqajh fuq is-sodda.*

TINA: Tiċċaqlaqx minn hemm. U l-lejla tinsiex: *Coucher avec moi… Ce soir! (bewsa)*

MARCO: *Au revoir! Mon amour!*

TINA: *Toodiloo! Adieu!*

*Toħroġ.*

## 2 Xena

MARCO *jizzetta ruħu, jirranġa l-imħadda u jinxteħet lura fuqha. Hekk kif jerġa' jirranġa l-imħadda, isib in-'notebook'*

*isfar taħtha.*

MARCO: *(ixengel rasu bi tbissima)* Tina, Tina…

*Il-laptop f'ħoġru, jiftaħ paġna tan-'notebook' bl-addoċċ…*

MARCO: *Eenie meenie mini…mo! (iniżżel subgħajh bl-amment f'nofs ta' folja u jaqra)* ''Xemx tisreġ…"

*…Waqt li jaqra, tinstema' mis-CD il-kanzunetta ta' Modugno…*

MARCO: "…Toroq bojod, dojoq, maħsula bix-xemx. L-eqqel ta' nofs inhar sajfi. Barra, madwar il-knisja, fuq iz-zuntier, ma tarax ruħ..."

IL-MISSIER *(leħen biss)*

*…Adieu-Adieu, addio vecchio mondo,*
*ai ricordi del passato*
*ad un sogno mai sognato*
*ad un abito da sposa*
*primo ed ultimo suo amor.*
*Trala-la la!…*
*…Tralal-la la!*

*Tieqaf ħesrem is-CD.*

*Pawsa qasira.*

IL-MISSIER *(jirrepeti b'leħen ogħla – bla sabar) Tralal-la la!…*

MARCO: *(jagħlaq il-laptop) …TRALAL-LA…LAAA!.*

IL-MISSIER *(jispiċċaha miegħu) …LAAA! (pawsa – jerġagħha:) Tralal-la la…*

MARCO: Naħsebli eżawrejnieha, ma jidhirlekx? Oħroġ minn hemm. Bsart… bsart li ma kontx sa neħles minnek hekk malajr.

IL-MISSIER: *(għadu ma deherx)* Mhux jien ġejt infittxek. Int ġejt lura hawn.

MARCO: Xi mkien kellna niġu. Sakemm insibu nixtru... Xi mkien ridna npoġġuhom ħwejjiġna.

IL-MISSIER: Ħwejjiġkom sabiħ! Ġibtu żewġ kontejners daqs dawk! U naturalment ma ħallastux ħabba dazju...

MARCO: Xiħaġa ħallasna...

IL-MISSIER Mhux hekk tgħid?

MARCO: Ma kien hemm xejn xi tħallas; bħalha emigrati hemm ċerti eżenzjonijiet...

IL-MISSIER: Eh, hekk isejħulhom daż-żmien – m'għadux kuntrabandu?

MARCO: Jimporta li għandek tgħidu, tgħidu u tħallini fil-kwiet – forsi nibda nikteb xiħaġa? Fejn qiegħed?

IL-MISSIER *joħroġ minn taħt is-sodda; l-istess paġama, l-istess flokk ta' taħt – imma donnu iżgħar fiż-żmien, jew forsi anqas moruż?...*

MARCO *jtih daqqa t'għajn, imma beda jikteb xiħaġa fuq il-kompjuter u ma jagħtix kas...*

MARCO: Din ta' l-aħħar sa tkun.

IL-MISSIER: Xiex?

MARCO: Naħseb li skadielek iċ-ċens. Parpar 'l hemm u itla' l-Ġenna fejn minn jaf kemm ilhom jistennewk. Mur hennihom Hemm Fuq bil-personalità soċjevoli tiegħek.

IL-MISSIER: Rajtx kif ma nsejtux il-Malti...

MARCO: Parpar!

IL-MISSIER: Dak mhux jien ngħidu – mhux jien niddeċiedi meta għandi mmur.

MARCO: Fejn lanqas?

IL-MISSIER: Fejn? Fejn immur? ...Għaliex? Fejn taħseb li għandi mmur?

MARCO: Fejn ommi. *(inizzel il-laptop)* U fejn iz-Zija Karm. X'għadek tagħmel hawn? Bqajt hawn dawn is-snin kollha… X'għadek tistenna?

IL-MISSIER: Forsi lilek, min jaf? Nistenniek lura d-dar.

MARCO: L-iben il-ħali? *(jħares lejh sew għall-ewwel darba)* X'għamilt?

IL-MISSIER: Fejn? Xiex x'għamilt?

MARCO: Donnok tidher… anqas xiħ.

IL-MISSIER: Mela mhux bħalek! Għalxejn tipprova torqod billi tieħu l-pilloli. Dawk droga. Naf tajjeb jien… kemm blajt pirmli jien!

MARCO: Droga u mhux droga, il-lejla hawn ġew sa norqdu, fuq dis-sodda.

IL-MISSIER: Aħjar milli mal-wirdien!

MARCO: Mal-wirdien orqod int!

IL-MISSIER: Tibżax – drajt ukoll. Ilhom li kiluli ġismi kollu!

MARCO: *(sogħbien)* Aħfirli…

IL-MISSIER: Maħfur u lest. *(imma ma jidhirx li qed jgħidha minn qalbu)*

MARCO: Il-lejla hawn ġew sa norqdu.

IL-MISSIER: Orqdu! Għedtilkom xiħaġa? Miżżewġin intom le?… Orqdu kemm tridu…

MARCO: Min qallek?

IL-MISSIER: Xiex?

MARCO: Li miżżewġin?

IL-MISSIER: Kif, m'intomx? Għandkom it-tfal le?… *(jieqaf)* Le, stenn – xi ħsibtni lili: xi mazzun? Trid tipprova tbellagħhieli – biex tarani ninkwieta!

MARCO: M'hix idea ħażina kieku. Imma li qed ngħid veru.

IL-MISSIER: Veru? Li m’intomx miżżewġin?…

MARCO: Hekk hu… Ta' l-anqas, mhux bil-Knisja.

IL-MISSIER: Mela biex?

MARCO: Żwieġ ċivili. L-Awstralja. Forsi m’għedtlekx, imma hi mhix Kattolka.

IL-MISSIER: Ukoll! Rajtx kif ġejt fi kliemi? Tara għaliex dejjem għedtilkom jien…

MARCO: Pa, ieqaf ara…

IL-MISSIER: U t-tfal – it-tfal mgħammdin jew le? Ta' l-anqas huma…

MARCO: Ieqaf, Pa!

IL-MISSIER *jieqaf.*

MARCO: Aktar jien!… Iva, Pa, it-tfal mgħammdin…

IL-MISSIER: Ta' l-anqas. Iva ma nafx x’eżempju sa jieħdu jekk ommhom mhix…

MARCO: Għedtlek ieqaf! Ifhimni: issa – li jiġri issa – li qed jiġri issa – illum u għada, int għalxejn titbaqbaq fuqu aktar. Issa – issa *too late*…

IL-MISSIER: Qatt m’hu *too late*…

MARCO: Għalik iva. U għalina t-tnejn ukoll... It-tfal, dak li sa jagħmlu jew jgħaddu minnu, int ma’ tistax tindaħlilhom. Bilkemm nista’ jien, aħseb u ara int!

IL-MISSIER: Imma mhux sew…

MARCO: Sew jew le, m’hux għalik li tgħid…

IL-MISSIER: Allura tridni mmur; dejjaqtek? Dejjaqtek ħaj – u dejjaqtek aktar issa li jien mejjet?

MARCO: Le. M’hemmx għalfejn tgħaġġibha... Il-fatt hu, m’hemm xejn aktar x’ngħidu. Dak li kellna ngħidu, għednieh – għednieh dawn l-aħħar ġranet ta' l-anqas. Matul ħajtek – matul ħajti

miegħek – dak li tassew kellna xi ngħidu lil xulxin qatt m'għednieh. Unimmaġina li ħaddieħor bħalna wkoll; sakemm wieħed għadu ħaj, sakemm jista' jipposponi dak li għandu jgħid…

IL-MISSIER: Jien ma pposponejt xejn – li jkolli ngħid, dejjem għedtu…

MARCO: U kultant dak li tgħid… aħjar ma tgħidux. Forsi għalhekk qatt ma kont naf inti tassew min kont – u għala int qatt ma kont tafni tassew lili.

IL-MISSIER: Mingħalik. L'int li kont dak iż-żmien, ma kienx int illum. Kieku kellek tiltaqa' miegħek innifsek 'qas biss kont tagħrfek inti stess…

MARCO: Forsi. Forsi għandek raġun… Għalhekk issa tard wisq. Għalxejn tkompli tipprova tiġġustifika ruħek…

IL-MISSIER: Jien – niġġustifika ruħi?

MARCO: …U forsi jien ukoll. Dak li kont qed infittex: li forsi ma nitgħabbix bit-tort ta' dak kollu li ġara wara li tlaqt jien. Kienet esperjenza li bilfors ridt ngħaddi minnha – din ta' bejnietna – illum – però issa naħseb li twalet iżżejjed.

IL-MISSIER: *(ipoġġi fit-tarf tas-sodda)* U int taħseb allura li jien nista' naqbad u nitlaq, hekk, nisparixxi, qisni fantażma f'xi ħrafa, qisni qatt m'eżistejt, hekk, kif u meta trid int?

MARCO: Jimporta ma tpoġġix hemm?

IL-MISSIER: *(iqum – idur għan-naħa l-oħra tas-sodda)* Taħseb li jien bqajt hawn – li jien kont hawn – nistenna lilek? M'għaddielekx minn moħħok forsi li mhux jien bqajt – jew ġejt hawn – imma li *int ridtni* hawn? Għalfejn ftaħt dak in-*notebook* — dawk il-memorji minsija? Għalfejn bdejt tikteb?… Forsi mhux għax int stess ridtni niġi hawn— mhux għax ridtni nkun hawn int?… *(ipoġġi n-naħa l-oħra tas-sodda)*

MARCO: Għedtlek tpoġġix hemm…

IL-MISSIER: *(did-darba jinjorah)* U issa tiġi tgħidli nista' mmur... Imma mhux qabel tgħidli li x'isimha – li Tina – m'hix Kattolka. Mhux qabel tgħidli li t-tfal mgħammdin iva, imma ma tridnix nindaħal… Għalfejn għedtli mela? Forsi mhux għax int qed tinkwieta… forsi mhux għax propju int tixtieqni li ngħidlek xiħaġa? Li nagħtik xi parir?

MARCO: Kulma nixtieq issa li tqum minn hemm u titlaq…

IL-MISSIER: *(iqum… imma bil-mod)* Jekk tridni mmur, immur… Għidha: irridek titlaq. Mur. ċaw – ċaw, ċaw. Grazzi ta' kollox. *Adieu*! Għidha,

MARCO: Diġà għedtha.

IL-MISSIER: Meta għedtha?

MARCO: Skadielek iċ-ċens; għedtlek.

IL-MISSIER: Aa. Iċ-ċens! X'jgħidulha dik – meta tuża xbieha biex tfisser dak li trid tgħid?

MARCO: Xiex? Simbolu? Metafora…

IL-MISSIER: Metafora! …Skada ċ-ċens! Iva. *(Xejn impressjonat – jerġa' jpoġġi fuq is-sodda)* Insomma; trid tgħid li hawn m'għadux posti, li nista' nitlaq?…

MARCO: Parpar. U qum minn hemm għedtlek!

IL-MISSIER: Għaliex? Taħseb li sa jerġa' jtini attakk u nerġa' mmutlek fuq dis-sodda? U mbagħad addijo torqod hawn il-lejla?…

MARCO: Qum minn hemm!

IL-MISSIER: *(iqum)* M'hemmx għalfejn tgħajjat…

*Iddoqq il-qanpiena ta' barra…*

IL-MISSIER: *(ikompli qisu ma sema' xejn)* Kieku veru ridtni mmur kont tgħidli itlaqli 'l barra minn hawn… Trid veru tfisser dak li tgħid imma. Temmen fih.

*Terġa' l-qanpiena.* MARCO *joħroġ fil-gallarija.*

IL-MISSIER: …Barra minn dari! Kieku veru tridni nitlaq… Fejn sejjer?

MARCO: *(idur – maħsud u kemxejn aġitat)* Mary…

IL-MISSIER: Fejn? Xiex Mary?

MARCO: Il-bieb. Ġabha Martin, bil-karozza. Ma smajthiex il-qanpiena isfel?… *(idur lura fil-gallarija)* Mary! Mary! *(ixejjer)* Ġej, stenn – mument wieħed!

IL-MISSIER: Mary? Ġiet? Jien ma smajt xejn… *(ipoġġi fuq is-sodda)*

MARCO: *(imur jitfa' qmis fuqu)* Jekk int 'qas bomba tisplodi hemm barra m'għadek tisma'!… Forsi sinjal dak ukoll; x'taħseb? Sinjal li postok m'għadux hawn forsi.

IL-MISSIER: Meta jkun il-waqt… Ara għidilha titla', ta.

MARCO: Ma ngħidilha xejn. Għandek xorti rifset mill-għatba 'l ġewwa! Dabbar rasek int...

IL-MISSIER: Meta jkun il-waqt…

MARCO: ...U qum minn dik is-sodda!

*Jagħtih daqqa ta' mħadda.* IL-MISSIER *jipprova jiskansaha, imma jitlef il-bilanċ u jaqa' mis-sodda għan-naħa ta' ġewwa, hekk li ma narawhx aktar.*

MARCO: *(jitfagħlu l-imħadda għal warajh)* U meta niġi ma rridx nerga' narak b'għajnejja – ċara biżżejjed hekk?!

*Joħroġ.*

## 3 Xena

*Wara ftit jinstemgħu xi ilħna minn isfel – imbagħad xi bieb jingħalaq – bil-mod il-mod taqa' sikta perfetta.*

*Il-palk vojt.*

*Minn barra d-dar jinstemgħu ħsejjes "normali' ta' kuljum:*

*xi karozza għaddejja, xi mużika 'l bogħod ta' radju jew televixin, xi ħorn.*

*...U mhux daqstant 'il bogħod leħen ta' TFAJLA tkanta . M'hix il-kanzunetta li smajna qabel, imma xi għanja aktar kontemporanja, għalkemm leħen it-TFAJLA ftit inbidel.*

*Tieqaf ħesrem il-kanzunetta, donnha dik li kienet qed tkanta daħlet 'il ġewwa...*

*Jerġgħu l-ħsejjes "normali " ta' kuljum.*

*...hekk kif jibda l-kant tal-*MISSIER.

*Bil-mod ħafna jibdew jitbaxxew id-dwal – speċjalment ta' barra.*

IL-MISSIER: *(ikanta, iżda ma jidhirx)*

*Solo va... un vecchio frack...*

*Ha il cilindro per capello,*

*due diamanti per gemelli*

*un bastone di cristallo*

*la gardenia nell'occhiello*

*e sul candido gilet*

*un papillon / un papillon*

*di seta blu...* *(jieqaf ħesrem)*

Ara għidilha titla' minn hemm 'il dik! Irrid naraha!

*Un papillon di seta blu...*

*Adieu-adieu, addio al mondo...*

*(issa rrabjat)* Dik tielgħa jew le? Mary! Qed tismagħni? – Ħażin għalik jekk ma titlax! MARY!

*Id-dwal tbaxxew.*

IL-MISSIER *għadu ma jidhirx.*

*Fil-bieb fuq il-lemin, fejn l-ewwel darba rajna lil* MARY

*żagħżugħa (l-ewwel att, ir-4 xena) titfaċċa* MARY *ta' llum: mara ta' xi erbgħin sena, imma hija t-tfajla ta' għoxrin sena ilu. F'idha għandha xi ħwejjeġ indaf u lesti mill-mogħdija.*

MARY: Pa? Pa, rieqed? *(tagħti pass 'il ġewwa)*

IL-MISSIER: *(fuq is-sodda – bil-qiegħda fuq il-liżar, iħares lejha)* X'rieqed rieqed! Rieqed fl-art? Ili kwarta ngħajjat!

MARY *tersaq malajr – "tarah" mitluq fl-art wara s-sodda – titfa' l-ħwejjeġ fuq is-sodda u tinxteħet fl-art ħdejn "missierha" – tgħinu jqum.*

MARY: X'ġaralek imma? Waqajt mis-sodda?

IL-MISSIER: Le, iddajvjajt għal rasi! Apposta! – Bil-mod, iva bil-mod… Fejn kontu! Possibbli ħadd ma semagħni ngħajjat?

*Mima:* MARY *tgħin lil "missierha" jqum mill-art u jpoġġi fuq is-sodda…*

MARY: Iz-zija Karm qiegħda fuq il-bejt, tonxor…

IL-MISSIER: U int? Tiekol il-kotba?

MARY: Le – ġibtlek il-lożor. Jekk trid inbiddillek il-friex. Kif int – ma weġġajtx hux?

IL-MISSIER: Tibdilli xejn – isa tibdilhom hi.

MARY: *(tħares lejn* IL-MISSIER *fuq is-sodda; issa qed tara dak li qed naraw aħna: il-"fantażma" ta' missierha)* Għandek il-paġama mċappsa. Għax ma ttihilhiex issa – waqt li qed taħsel?

IL-MISSIER: Xi mċappsa – daqsxejn Bovril?

MARY: Ilha tlett ijiem issa. Tihielha, Pa. Ejja, ngħinek jien tinżagħha… Hawn, inġiblek flokk nadif…

IL-MISSIER: Ħallini. Kieku ridt inbiddel naf inbiddel jien! U int hemm – x'int liebsa int? Jaqaw ħierġa?

MARY: *(tieħu l-ħwejjeġ indaf li ġabet magħha u titnihom puliti)* U x'ħierġa!

IL-MISSIER: Mela? … Dawk ħwejjeġ ta' barra. Jew ġa ħriġt?

MARY: Ma ħriġt xejn. Trid tibdel dak il-liżar?

IL-MISSIER: Tigdiblix ta! Fejn mort? Illum ma kellekx *ballet*. Fejn? Ma' min mort?

MARY: *(dejjem titni l-ħwejjeġ)* Ma mort imkien.

IL-MISSIER: *(jaħtfilha l-liżar minn idha u jarmih fl-art)* Ħallik mill-qaħbeċ liżar! Fejn mort?…

MARY: Għedtlek imkien! U kieku stess ħriġt? Dnub mejjet? Li kelli nagħmel għamiltu hawn ġew! Xi tridni nibqa' nagħmel hawn: nisma' lilek tgħajjat u ttellagħna t-turġien għalxejn – għal kull skuża ta' xejn?

IL-MISSIER: *(itajrilha l-bqija tal-ħwejjeġ mitnijin)* Ara ma jfettillekx tgħolli leħnek!

MARY: Mel'int biss tgħollih? U għal kull ħaġa ta' xejn! Xbajt – qed tifhem – xbajt! Toqgħodx tisfoga fuqi dak li trid tgħid lil Marco! Issa lil dak insih! U lili ħallini fil-paċi! Ejja, neħħi dik il-paġama! Neħħiha! Inkallata pesta!… Jien għandi ħajti x'ngħix ukoll! M'iniex biss il-qaddejja tiegħek! M'iniex martek! M'iniex iz-zija Karm, lanqas! M'iniex *nurse* jien – ma jien il-paljazza ta' ħadd aktar jien… Tini dik il-paġama!

> IL-MISSIER *u* MARY *jissieltu fuq is-sodda: hi tipprova tneżżagħlu l-paġama, hu ma jħallihiex. Jissieltu: hi ġġebbidlu l-paġama, hu jaħtafha minn xagħarha…*

MARY: Neħħiha! – Jekk ma tneħħihiex m'iniex sa nerġa' nitla' hawn fuq – 'qas jekk twerżaq u tgħajjat kemm twerżaq u tgħajjat! Neħħiha…

> *Sa fl-aħħar irnexxilha tneżżagħlu l-paġama…*

IL-MISSIER: Viljakka! *(daqqa ta' ħarta u jitilqilha xagħarha f'daqqa, hekk li hi taqa' lura u tispiċċa fl-art)*

MARY: *(tqum, tilheġ – jekk weġġgħet għadha ma ħassithiex)*

Daqshekk – daqshekk!…

IL-MISSIER: Mur – itlaq! Int mhux binti! Ara nerġa’ narak b’għajnejja! Qatt aktar… Barra!

MARY: *(tilheġ, timxi b’lura lejn il-bieb, il-paġama maħkuma f’idejha, donnha l-bandiera tar-rebħa)* Daqshekk… Daqshekk…

IL-MISSIER: Ħalli l-paġama hawn! …Mary! Ejja ’l hawn!

MARY *(issa tibki)*: Daqshekk….

*Toħroġ.*

IL-MISSIER: Mary… Mary! Ejja ’l hawn qed ngħidlek… Mary! *(Pawsa – Ebda ħoss. Sa fl-aħħar, u kważi bilkemm jemmen li qed jgħidha)* Tmurx!… Mary, tmurx… Ma rridekx titlaq… Mary! Ma ridtx ngħajjat miegħek… Mary? Tħallinix waħdi. *(pawsa)* Marco. Fejn int, Marco? Tħallunix waħdi…

*Dlam ċappa.*

IL-MISSIER: Lina... Fejn marru? …Fejn marru, Lin? Għaliex telqu? Huma wkoll... Ilkoll… Qatt aktar ma sa nerġa’ narahom b’għajnejja, Lin. Qatt aktar ma jerġgħu jirfsu ġo did-dar… X’għamilna ħażin, Lin? …LINA!

## 4 Xena

*Il-palk mudlam.*

MARY: *(leħen biss)* Wara daż-żmien kollu…

MARCO: Kemm kont ilek?

MARY: Ma nersaq ’l hawn? Minn dak inhar li sibnieh. Hemmhekk.

MARCO: Idħol. / Trid tidħol?

MARY: Ma nafx. Hawn ġew donnha nħoss l-arja tifgali mnifsejja…

MARCO: Ħa niftaħ it-tieqa wkoll…

MARY: Le, m’hemmx għalfejn.

MARCO: Aħjar...

*Ħoss ta' purtelli jinfetħu.*

*Jerġa' jogħla d-dawl.*

*Il-kamra hija assolutament vojta.*

MARCO, *liebes ħwejjeġ tax-xitwa u għandu umbrella f'idejh; jinsab ħdejn il-gallarija jiftaħ il-purtelli, 'knapsack' ikkulurita ħdejn saqajh .*

MARY *wieqfa f'nofs il-kamra, liebsa 'raincoat' u f'idha għandha valiġġa żgħira. Tpoġġiha fl-art u tibqa' tħares lejn ir-rokna fejn kien hemm is-sodda.*

MARCO *jiġi ħdejha. Ikompli jħares magħha għal xi waqtiet, ħiemed.*

*Sa fl-aħħar* MARY *tagħti xi pass 'il quddiem lejn ir-rokna tas-sodda. Tieqaf.*

MARY: Hemm kien…

MARCO: Naf. Kienu qaluli.

MARY: *(ħarsa madwar il-kamra)* Kemm hi żgħira. Hekk tiftakarha int – hekk żgħira?

MARCO: Għandek raġun – ftit akbar… Kienet tidher akbar.

MARCO *jersaq lejn it-tieqa u jiftaħ il-purtelli…*

MARY: Dik it-tieqa… / Dik ma niftakarhiex hemm.

MARCO: Hemm kienet…

MARY: Ċert?

MARCO: Ċertissimu. *(jiftaħ purtella oħra – jittawwal 'il barra)* Illum mhux it-Tnejn? Ħadd m'għadu jonxor?

MARY: Ix-xita. Xammewha. *(tittawwal)* X'ħerba! Kieku kellu jarah il-Pa dak il-kaktus… Alla jaħfirlu.

MARCO: Tantx tgħajjat….

MARY: Għala?

MARCO: Ma jmurx jisimgħek.

MARY: Dejjem niftakrek tipprova tbeżżagħni bil-ħares.

MARCO: *(huwa u ħiereġ mil-lemin)* Għalhekk ma ridtx titla' hawn fuq dak inhar li ġejt?

MARY: Meta?...

MARCO *(minn barra)*: *Fis-sajf – meta ġabek Martin. Ġejt, imma hawn fuq ma tlajtx.*

MARY *(tersaq lejn imnejn ħareġ – donnha ma tridx tibqa' weħedha)*: Kienet idea tiegħu. Ta' Martin. Bħal speċi ta' eżorċiżmu qalli. Aktar beżżagħni. Ma nafx eżatt x'immaġinajt li sa nsib kieku tlajt hawn.

MARCO: *(l-istess) Forsi ma ridtx tiftakar...*

MARY: Ma kien hemm xejn x'tiftakar.

MARCO: *Jien, mill-banda l-oħra...*

MARY: Xiex? Ġeddidt xi memorji kemm domtu hawn?

MARCO: *Xi ftit...*

MARY: Bqajt ma spiċċajtux il-ktieb, ir-rumanz li kont bdejt?

*Jerġa' jidħol* MARCO. *F'idu għandu xi żewġ kaxex tal-kartun li jmur ipoġġi fuq il-garżella.*

MARCO: Le. U ma naħsibx li nkomplih.

MARY: Forsi aħjar. Ngħidlek is-sew kont xi ftit inkwetata meta għedtli li sa tibbażah fuq il-veru. Ċerti affarijiet aħjar ma tiftakarhomx. / Tridni ninżel ngħinu jtella' l-kotba?

MARCO: Ħallih – dak jiflaħ iġorr. X'jidhirlek allura – tiftakarha hekk dil-kamra?

MARY: Iżgħar. Għedtlek.

MARCO: Min jaf x'kien ġara minnu dak it-Tork.

MARY: X'Tork?

MARCO: Li konna sibna hawn – l-ewwel darba li dħalna. Tiftakar?

MARY: Ma niftakarx… *(toħroġ lejn il-gallarija)* Dak id-*deckchair*, dak tagħkom?

MARCO: Insejnieh hawn fis-sajf. Insomma, ngħidlek il-verità, mhux insejnieh. Għedt, meta niġi hawn, meta jkolli niġi u noqgħod nistenna biex nuri l-post lil xi ħadd, għedt ta' l-anqas ngħaddi ż-żmien naqra xiħaġa hemm barra.

MARY: Int ċert li trid li nitilquh?

MARCO: Ħadd mit-tfal ma jridu. Lanqas tiegħek le, meta tiġi lura?…

MARY: Meta tiġi lura xi flatt ix-Xlendi tippreferi dik.

MARCO: Fejn qiegħda issa?

MARY: Praga. Kuncerti. Is-soltu! Tort tiegħi, ħaqqni: ridt inpatti ta' kemm studjajt għalxejn jien… Webbiltha bil-mużika minn qabel ma bdiet timxi – biex issa? – issa qabdet it-triq it-twila… u m'hemmx li tiġi lura. Imma – il-bniedem jipproponi…

MARCO: Għid lili. Ma nafx x'se jagħmlu tiegħi – la waħda u lanqas l-ieħor. Martin sa jibqa' hawn biss sakemm jirnexxilna nbigħu l-post.

MARY: Lili qalli ma jiddejjaqx ikollu jibqa' hawn…

MARCO: Hekk qallek? Lil ommu qallha li sa jiġi lura l-Awstralja malli jeħles minn hawn…

MARY: Però Tanja u Tina ħadu kollox lura magħhom. M'humiex ġejjin lura hawn żgur.

MARCO: Probabbli li le...

MARY: U int?

MARCO: Jien? Jien posti magħhom – mhux ma' l-iħirsa hawn ġew.

MARY: Ma nafx x'fettillu joqgħod hawn. Kemm beħsiebu jdum?

MARCO: Martin? Tliet xhur…

MARY: Tliet xhur… *(ħarsa)* …U wara għall-Awstrajla.

MARCO: Irid jispiċċa l-kors li beda issa… Għalhekk ġej hawn. Jgħid isibha aktar faċli jistudja hawnhekk milli jixxerja kif kien qiegħed jagħmel. Rajtu kif għabbiha l-karozza bil-kotba.

MARY: Li kont jien…

MARCO: Xiex?

MARY: Ma nafx. Ma kontx nersaq 'l hawn. Ma jrid xejn iġiblek xi tfajla! Jgħabbilek xi waħda flok kotba! / Tafdah waħdu hawn?

MARCO: Nafdaħ. Hekk jew hekk… Hawn jew xi mkien ieħor…

*Tpaqpiq ta' ħorn minn barra.*

MARCO: Aħjar ninżel ngħinu bil-kotba. / Jekk trid stenn'hawn.

MARY: Le. Ninżel miegħek intik daqqa t'id. Għandi l-*laundry* xi ntellagħlu. Jekk trid, wara li titlaq int, nibda ngħaddi nittawwallu. Nara jkollux bżonn xiħaġa.

*Joħorġu.*

MARCO: *(ikompli – leħen)* Tajjeb – basta ma ddejqux iżżejjed… Għandu temperament ftit hekk dak…

MARY: *(minn barra wkoll) Indejqu jien!*

MARCO: *Wara kollox jew tafda – jew ma tafdax.*

MARY: *U jew tinkwieta jew ma tinkwetax…*

## 5 Xena

*Leħen it-TFAJLA tkanta barra.*

*Jidħol* MARTIN *iġorr xi kaxxa tqila bil-kotba u 'sleeping-bag' irrumblata fuq dahru.*

MARCO: *(minn barra) Il-files se tħallihomlok hawn isfel għedt?*

MARTIN: Iva – ħallu. Irrid nissortjahom l-ewwel.

MARY: *Imma l-laundry jkollok bżonnha żgur – mhux sa tħalliha fil-kċina!*

MARTIN *(joħfoħ)*: U le ħalli, Zi!

*Imur lejn il-garżella bil-kaxxa. Joħroġ xi kotba minnha u jiftaħ il-garżella. Isib bagoll antik ġo fiha u joħorġu u floku jpoġġi l-kaxxa bil-kotba.*

*Imur lejn ir-rokna fejn soltu jkun hemm is-sodda; ineħħi l-'isleeping-bag' minn fuq dahru, jinżel għarkubbtejh u jifrixha ma' l-art…*

*…Hekk kif tidħol* MARY *bil-ġewlaq tal-laundry f'idejha, il-ħwejjeġ mitwijin puliti ġo fih.*

*Għal waqt wieħed tieqaf maħsuda tarah mixħut ma' l-art f'dik ir-rokna…*

MARTIN: *(idur lejha – kważi bi ftit herra)* U għedtlek ma kellekx għalfejn, Zi! *(jaraha titriegħex – malajr iqum u jersaq lejha)* Imma grazzi xorta waħda! *(jgħannaqha)* Ma nafx x'kont nagħmel li kieku ma kontx int!

MARY: *(tieħu r-ruħ)* Ħaġa żgħira. Li jkollok bżonn għidli.

MARTIN: Tinkwetax għalija, Zi. Naf nieħu ħsieb innifsi. Ċaw… u tinkwetax! *(iressaqha lura lejn imnejn daħlet biex toħroġ.)*

MARY: Aħna sejrin mela – żgur kilt xiħaġa hux?

MARTIN: Soppa ta' l-armla… kif int biss taf tagħmilha! U l-*gateaux* u l-*icecream* ukoll, insejt?

MARY: Kieku ridt kont nagħmillek timpana…

MARTIN: Tinkwetax – naf! Jien ridtha s-soppa! Daks kemm iħobbha missieri – għedt ta' min induqha darba jien ukoll! Prosit – u ċaw!

MARY: Ċaw – ċempilli, OK, Martin? Ikollok bżonn xiħaġa.…

MARTIN: Inwiegħdek – ċaw!

MARY: *(ħierġa)* Ċaw.

MARTIN: U nċempillek – għid lid-Daddy wkoll. Ċaw – *bye bye*!

## 6 Xena

MARTIN *jieħu l-ġewlaq u jpoġġih f'nofs il-kamra, imbagħad imur fil-gallarija.*

*Jinstemgħu bibien ta' karozza jingħalqu. Jieqaf għal mument iħares 'l isfel, imbagħad ixejjer, darba darbtejn.*

*Paqpiqa fuq il-ħorn u l-karozza ssuq u titbiegħed...*

MARTIN *ikun sa jpoġġi fuq id-'deckchair' imma jinduna li hu mxarrab.*

*Id-dawl fil-kamra jibda jonqos sa ma jibqa' kkonċentrat l-aktar fuq il-gallarija.*

MARTIN *jieħu d-'deckchair' u jdaħħlu 'l ġewwa.*

*Jersaq lejn il-laundry basket, iqalleb fih bla wisq galbu, isib xugaman u jixxotta d-'deckchair' bih…*

*Ipoġġi fuqu xxamplat u kuntent, iħares madwaru lejn id-dominju ġdid tiegħu.*

*Fuq ix-xellug tal-kamra jogħla ftit dawl; l-'isleeping-bag' tiċċaqlaq u wara ftit tixref minn ġo fiha ras* IL-MISSIER.

*Fuq il-lemin jogħla wkoll id-dawl fuq il-garżella u toħroġ minnha t-*TIFLA.

IL-MISSIER: Allaħares ratek tħammġu hekk dak ix-xugaman! Għamlet kwarta tgħaddih!

MARTIN: *(bla ma jitmeżmeż)* U le! Dik orrajt!

IL-MISSIER: Iva – orrajt! Għadek ma tafhiex!

MARTIN: Ma tridx tieħu għaliha, Nann. Tinkwieta żżejjed – hi u missieri.

IT-TIFLA *tersaq lejh u tagħtih ktieb li ġabet magħha mill-garżella… il-ktejjeb isfar ta' missieru.*

IL-MISSIER: Bħal dak li qallu huma biss jinkwetaw!

MARTIN: Int ukoll, naf... Int ukoll.

*Jara lit-*TIFLA *li qabdet biċċa drapp mitnija pulit mill-ġewlaq tal-laundry: bandiera blu bi stilla safra fin-nofs.*

MARTIN: Hemm x'sibt, Pupa?

IT-TIFLA *tqum u tagħmilha madwar spallejha qisha mantell.*

IL-MISSIER: Dik x'bandiera hi?

MARTIN: Tixraqlek, Pupa! Gustuża! *(itiha bewsa)* Ejja; tridx immorru ndendluha fil-gallarija?...

IT-TIFLA *tagħmel 'iva' b'rasha.* MARTIN *iqum u jeħdilha idha f'idu u jibda miexi lejn il-gallarija.*

IL-MISSIER: U dak id-djarju ta' missierek? *(jiġbor il-ktieb mid-'deckchair')* Mhux sa tkompli taqrali x'kiteb?

MARTIN: U tgħid le! Tinkwetax! Hemm żmien, Nann! Ejja ndendlu din l-ewwel!

IL-MISSIER: U tgħid; hemm żmien? Għalikom forsi… *(idur lejn l-udjenza – hekk kif* MARTIN *u* T-TIFLA *jidhru jiftħu u jifirxu l-bandiera …)*

IL-MISSIER: Għalikom forsi... Min jaf.

*Siparju bil-mod*

TMIEM